Vol 29
Nru 161
Lulju - Settembru 2008

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



## L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat ta' l-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju ta'
l-Art Imqaddsa

GRAFIKA:
P. Joseph Magro OFM

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
P. Ġwann Azzopardi OFM

ABBONAMENT:
€ 7 fis-sena
€12 jew aktar Sostenitur



Kummissarjat ta'
l-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta.
Tel: 21 242254
Fax: 21 252031



STAMPAT:
Best Print Co. Ltd.



Il-Materjal kollu li
jidher f'din ir-Rivista huwa
Copyright © tal-Kummis-
sarjat ta' l-Art Imqaddsa u
l-Edizzjoni TAU, 2008



comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt


# Werrej




5





13





22

28




5 S. Ġakbu Isqof ta' Ġerusalemm

13 Pawlu ta' Tarsu (2)

22 Maria, Mara Lhudija

28 Il-Qabar ta' Kristu...

35 Laqgħa Internazzjonali tal-ĠM

*Il-Bibbja f'idejna::*

38 Il-Ktieb ta' Hosegħa

41 Il-Ktieb ta' Ġob

44 L-Innijiet Kristoloġiċi f' S. Pawl




40

# Editorjal

ta' P. Twanny Chircop ofm



## Israel 60 Sena. U l-Palestina?

Fix-xahar ta' Mejju l-Istat ta' Israel iċċelebra 60 sena mill-indipendenza tiegħu. Fl-14 ta' Mejju 1948 Israel iddikjara lilu nnifsu Stat indipendenti wara li l-Ingliżi kienu temmew il-Mandat tagħhom fil-Palestina, fejn damu mill-1917 sa l-1947. Il-Balfour Declaration ta' l-1917 kienet tgħid li l-gvern Ingliż jaqbel li fil-Palestina għandu jkun hemm "homeland" għal-Lhud.

Fid-29 ta' Novembru 1947 il-Ġnus Magħquda għaddew riżoluzzjoni biex il-Palestina tinqasam f'żewġ partijiet, waħda għal Lhud u l-oħra għal-Għarab Palestinjani. Meta ntemm il-Mandat Britanniku u Israel iddikjara l-indipendenza tiegħu, daħlu fi gwerra kontrih l-Istati Għarab kollha ta' madwaru: Eġittu, Ġordanja, Sirja, Libanu, u Iraq. Ir-riżultat kien li Israel akkwista aktar artijiet u keċċa minnhom eluf ta' Palestinjani, li spiċċaw rifuġjati. Għall-Palestinjani l-14 ta' Mejju hu jum "al-Nakhba", jum il-katastrofi. Il-Palestinjani li ma kinux ġew inkorporati fl-Istat ta' Israel, setgħu jibqgħu biss fil-medda ta' Gaża, f'idejn l-Eġittu, u fix-Xatt tal-Punent (West Bank) f'idejn il-Ġordanja.

Fil-Gwerra ta' Ġunju 1967 Israel okkupa dawn l-artijiet ukoll, flimkien mal-penisola tas-Sinaj u l-Għoljiet tal-Golan fis-Sirja. Is-Sinaj reġa' taha lura lill-Eġittu, filwaqt li l-Golan sal-lum għadu maħkum minn Israel għal raġunijiet strateġiċi.

Fl-1978 sar il-ftehim ta' "Camp David" li ssiġilla l-paċi bejn Israel u l-Eġittu, filwaqt li l-Ġordanja wkoll għamlet trattat ta' paċi



*...editorjal*

*Israel 60 sena. U l-Palestina?*

maʼ Israel. Fl-1993 sar il-ftehim taʼ Oslo, li fih Israel aċċetta li jrodd lura xi artijiet li kien okkupa lill-Palestinjani, sakemm dawn jiċħdu għal atti terroristiċi. Fil-fatt, Israel ċeda l-amministrazzjoni taʼ rqajjaʼ taʼ art lill-Awtorità Palestinjana (Jenin, Tulkarem, Qalqilya, Nablus, Ramallah, Betleħem, Ġeriko, Ħebron). Imma l-ġlied li qam fit-tieni Intifada fl-2000-2002 waqqaf il-proċess taʼ paċi. Sal-lum il-Palestinjani għadhom bla Stat sovran għalihom, għalkemm l-Istati Uniti u l-Ewropa offrew negozjati biex dan iseħħ. Sa mill-2004 Israel bena ħajt taʼ separazzjoni (security fence) li għalaq lill-Palestinjani tal-West Bank u taʼ Gaza fl-irqajjaʼ taʼ art li għandhom, li minnhom ma jistgħux joħorġu jekk mhux bʼkonċessjonijiet speċjali minn Israel.

Hekk din is-sena, filwaqt li Israel qiegħed jiċċelebra s-60 sena mill-indipendenza tiegħu, l-Palestinjani jfakkru 60 sena taʼ okkupazzjoni. Dawn huma l-veduti taʼ dawn iż-żewġ popli, li naturalment it-tnejn għandhom ir-raġun u t-tort fil-kwestjoni kollha. Israel jiddefendi d-dritt taʼ l-eżistenza u s-sigurtà tiegħu, bʼĠerusalemm magħquda bħala kapitali; il-Palestinjani jiddefendu d-dritt tar-ritorn lejn l-artijiet li kienu tagħhom u li jkollhom Stat indipendenti almenu fl-artijiet maħkumin minn Israel, bʼkapitali tagħhom Ġerusalemm tal-lvant. Dan hu diskors politiku, imma xorta jinteressana. Għaliex aħna l-Franġiskani, u l-Knejjes Insara fl-Art Imqaddsa, ngħixu u naħdmu kemm fʼIsrael kif ukoll fit-Territorji Palestinjani. Il-Vatikan għamel maʼ dawn il-popli trattati taʼ ħarsien tad-drittijiet taʼ kult għall-Insara kollha li jgħixu hawn, għall-missjunarji u għall-pellegrini. Bejn il-Vatikan u l-Istat taʼ Israel jeżisti "Fundamental Agreement", imma li għadu mhux ratifikat mill-Knesset, il-parlament Israeljan. Sa issa l-moviment tagħna bejn Territorji Palestinjani u Israel (ħu l-eżempju taʼ vjaġġ taʼ 8 km minn Betleħem għal Ġerusalemm) għadu possibbli, bʼxi diffikultajiet xi kultant. Xʼse jiġri fil-ġejjieni ma nafux. Imma hawnhekk drajna ngħixu l-preżent, bit-tama li l-Mulej irattab il-qlub għal ġejjieni aħjar li fih iż-żewġ popli jitgħallmu li ma jistgħux jeskludu wieħed lill-ieħor fʼdin l-Art Imqaddsa għal-Lhud, l-Insara u l-Musulmani.



# SAN ĠAKBU, ISQOF TA' ĠERUSALEMM

## L-identità ta' Ġakbu

Fit-Testment il-Ġdid, hemm diversi personaġġi li jġibu l-isem Ġakbu:

1) Ġakbu, bin Żebedew, appostlu, ħu Ġwanni l-appostlu (Mt 10,2; Mk 3,17; Lq 6,14); magħruf ukoll bħala "Ġakbu l-kbir", li s-sultan Erodi Agrippa I tah il-martirju qrib is-sena 44; hu meqjum b'mod speċjali f'Compostella fi Spanja.



*Bieb tal-Kattidral Armen ta' S. Ġakbu, Ġerusalemm*

2) Ġakbu, bin Alfew, appostlu (Mt 10,3; Mk 3,18; Lq 6,15; Atti 1,13).
3) Ġakbu, ħu l-Mulej (Mt 13,55; Mk 6,3; Gal 1,19). Jiġi identifikat ukoll ma' Ġakbu li jissemma f'Gal 2,2; 2,9; Atti 12,17; 15,13ss; 21,18, u 1Kor 15,7.
4) Ġakbu, bin Marija, ħu Ġużeppi, jew Ġożè (Mk 15,40), fejn hu msejjaħ ukoll "Ġakbu ż-żgħir", u f'Mt 27,56. X'aktarx hu iben Kleofa (Ġw 19,25), fejn "Marija ta' Kleofa" tista' tiġi tradotta "Marija mart Kleofa", billi n-nisa miżżewġin ġie li jiġu identifikati biż-żjieda ta' isem żwieġhom.
5) Ġakbu, ħu Ġuda (Ġuda 1,1). Bosta kommentaturi Kattoliċi jidentifikaw lil Ġuda ma' "Ġuda ta' Ġakbu" jew "Ġuda ħu Ġakbu" (Lq 6,16; Atti 1,13), imsejjaħ hekk għax ħuh Ġakbu kien magħruf aktar fil-Knisja tal-bidu.
L-identità ta' l-appostlu Ġakbu bin Alfew (2) u Ġakbu ħu l-Mulej (3) u l-ewwel isqof tal-Knisja ta' Ġerusalemm (Atti 15,21), għalkemm hi kkontestata minn bosta studjużi, minkejja li ma hemmx ċertezza assoluta, hi probabbli. Fit-tradizzjoni u l-interpretazzjoni Kattolika din l-identità hi meqjusa bħala ċerta, l-aktar fuq il-bażi ta' Gal 1,19: "mill-appostli l-oħra ma rajt lil ħadd; iżda rajt lil Ġakbu, ħu l-Mulej". Ġakbu ħu Ġuda 1,1 (5) nistgħu ċertament nidentifikawh ma' Ġakbu ħu l-Mulej (3) u l-ewwel isqof ta' Ġerusalemm. L-identifikazzjoni ta' Ġakbu ħu l-Mulej (3) u Ġakbu bin Marija, u forsi bin Kleofa (4), toffrilna xi diffikultà. Din l-identifikazzjoni titlob li nkunu nafu min kienet Marija, omm Ġakbu (Mt 27,56; Mk 15,40), jiġifieri, jekk kinetx Marija l-mara ta' Kleofa (Ġw 19,25), biex b'hekk nifhmu wkoll l-identità ta' Alfew (2) u Kleopa (4). Rigward dan l-aħħar element, jista' jkun li Kleopa u Alfew huma traskrizzjonijiet differenti ta' l-istess isem Aramajk "Halpai". Jista' jkun li l-istess bniedem kellu żewġ ismijiet. Eżempji ta' dan insibu diversi fit-Testment il-Ġdid, l-aktar fil-każ ta' nies li kellu isem Lhudi u isem Grieg (Xmun-Pietru; Sawlu-Pawlu; Mattew-Levi). Hekk jista' jkun li l-isem Kleopa u Alfew jindikaw l-istess persuna. Għalkemm ma nistgħux ikollna evidenza ċerta dwar l-identità ta' Ġakbu bin Alfew, Ġakbu ħu l-Mulej, u Ġakbu iben Marija ta' Kleofa, l-opinjoni komuni hi li dan hu l-istess persuna li fit-Testment il-Ġdid tiġi deskritta bi tliet modi differenti. Fuq il-bażi ta' Gal 1,19; 2,9; 2,12, nistgħu nsostnu li l-appostlu Ġakbu, bin Alfew, hu l-istess

persuna ta' Ġakbu, ħu l-Mulej, u l-ewwel isqof ta' Ġerusalemm imsemmi fl-Atti ta' l-Appostli.

## Ġakbu u l-aħwa tal-Mulej

Hemm grupp ta' persuni li t-Testment il-Ġdid dejjem isejħilhom "ħutu" jew "l-aħwa tal-Mulej" (Mt 12,46; 13,55; Mk 3,31-32; 6,3; Lq 8,19-20; Ġw 2,12; 7,3-5; Atti 1,14; 1Kor 9,5). Erba' minn dawn l-aħwa jissemmew b'isimhom f'siltiet paralleli ta' Mt 13,55 u Mk 6,3 (fejn jissemmew ukoll "ħutu l-bniet"). Dawn huma Ġakbu (Gal 1,19), Ġużeppi jew Ġożè, Xmun, u Ġuda.

Nibdew biex naraw l-identità bejn Ġakbu, Ġuda u Xmun. Ġakbu hu mingħajr dubju l-ewwel isqof ta' Ġerusalemm, kif rajna (Atti 12,17; 15,13; 21, 18; Gal 1,19; 2,9-12), u l-awtur ta' l-ewwel waħda fost l-Ittri Kattoliċi tat-Testment il-Ġdid. L-identità tiegħu ma' Ġakbu ż-żgħir (Mk 15,40) u ma' l-appostlu Ġakbu bin Alfew (Mt 10,3; Mk 3,18), għalkemm tiġi kkontestata minn diversi kritiċi Protestanti, nistgħu nqisuha bħala ċerta. F'Gal 1,19 Pawlu jippreżenta lil Ġakbu ħu l-Mulej bħala membru tal-kulleġġ apostoliku, li normalment hu mifhum bħala l-grupp ristrett tat-tnax l-appostli magħżulin minn Ġesù. Jekk Ġakbu kellu awtorità hekk kbira fil-Knisja ta' Ġerusalemm (Atti 15,13; Gal 2,9), hekk li f'dan l-aħħar każ jissemma saħansitra qabel Pietru, dan ifisser li hu kien wieħed mill-kulleġġ tat-12 l-appostli. Issa nafu li appostli jisimhom Ġakbu hemm biss tnejn: Ġakbu bin Żebedew u Ġakbu bin Alfew (Mt 10,3; Mk 3,18; Lq 6,16; Atti 1,13). Ta' l-ewwel kien diġà ġie mmartirizzat fis-sena 44, jiġifieri qabel ma seħħu l-ġrajjiet rrakkontati f'Atti 15,6ss u Gal 2,9-12. Ġakbu ħu l-Mulej hu mela l-appostlu Ġakbu bin Alfew li għalih dawn is-siltiet jirreferu.

Meta nqabblu Ġw 19,25 ma' Mt 27,56 u Mk 15,40, nsibu li Marija ta' Kleofa, oħt Marija, Omm Ġesù, hi l-istess waħda li tissemma bħala Marija ta' Ġakbu ż-żgħir u ta' Ġużeppi jew Ġożè. Billi n-nisa miżżewġin ma kinux jiġu distinti biż-żjieda ta' isem missierhom, mela Marija ta' Kleofa għandna nifhmuha bħala mart Kleofa, u mhux bħala bintu. Mhux biss, imma l-ismijiet ta' wliedha u l-ordni li biha huma ppreżentati, mill-kbir saż-żgħir, juruna li dawn huma l-"aħwa" ta' Ġesù, jiġifieri l-kuġini tiegħu. X'aktarx li l-ismijiet Kleofa u Alfew qed jirreferu għall-istess persuna, u huma biss traskrizzjonijiet ta' l-istess isem

*Kattidral Armen ta' S. Ġakbu, Ġerusalemm*





*Qabar ta' S. Ġakbu, Kattidral Armen, Ġerusalemm*

Aramjak "Halpai".
Rigward Ġużeppi jew Ġożè ma nafu xejn. Ġuda hu l-awtur ta' l-aħħar waħda fost l-Ittri Kattoloċi (Ġuda 1,1). Il-kommentaturi Kattoliċi jidentifikawh ma' "Ġuda ta' Ġakbu", jiġifieri Ġuda ħu Ġakbu (Lq 6,16 u Atti 1,13), u ġie li hu magħruf ukoll bħala Taddew (Mt 10,3; Mk 3,18). Kienet drawwa normali fid-dinja ellenistika li bniedem kien ikun magħruf biż-żjieda ta' isem ħuh u mhux ta' isem missieru, jekk dan ħuh ikun bniedem magħruf. Din hi r-raġuni li Ġuda jidentifika ruħu bħala ħu Ġakbu ta' Alfew.
Rigward Xmun ma nistgħux inżidu ħafna. Xi kummentaturi jidentifikawh ma' Xmun li, skond l-istoriku Eġesippu, sar isqof ta' Ġerusalemm wara l-martirju ta' Ġakbu. Fit-tradizzjoni tal-Knisja ta' l-Art Imqaddsa Xmun jiġi identifikat mad-dixxiplu bla isem li jakkumpanja lil Kleofa lejn Għemmaws, meta dawn jiltaqgħu mal-Mulej Ġesù nhar Ħadd il-Għid filgħaxija. Mela Kleofa jidher bħala missier Xmun. Xi wħud jidentiifkaw lil Xmun ma' l-appostlu Xmun il-Kangħani (Mt 10,4; Mk 3,18) jew ma' Xmun l-Imħeġġeġ (Żelota) ta' Lq 6,15 u Atti 1,13. Il-fatt li jissemmew flimkien Ġakbu, Ġuda Taddew u Xmun wara l-appostli l-oħrajn fil-lista li jagħtuna Mt 10,4-5, Mk 3,18, Lq 6,16 u Atti 1,13 jindika li hemm probabbilità li dawn kienu kollha aħwa.
Liema hi n-natura tar-relazzjoni bejn Ġesù u dawn "ħutu"? Il-kelma "aħwa" tiġi applikata fl-użu Semitiku u fl-Iskrittura kemm għall-aħwa tad-demm, kemm għall-aħwa ġejjin minn żwiġijiet diversi, kif ukoll għal kuġini jew qraba ta' diversi tipi (Ġen 13,8; 14,14-16; Lev 10,4; 1Kron 15,5-10; 23,21-22). Hemm xi eretiċi tal-qedem li kienu jsostnu li l-"aħwa" ta' Ġesù kienu, fil-fatt, ħutu miż-żwieġ bejn Marija u Ġużeppi, opinjoni li xi Protestanti eseġeti għadhom iżommu. Fit-tradizzjoni ortodossa

hemm żewġ opinjonijiet. Il-maġġoranza ta' Missirijiet il-Knisja Griegi, taħt l-influss ta' l-Evanġelji Apokrifi, jqisu li Ġesù kellu "ħutu" li twieldu minn żwieġ li San Ġużepp kellu qabel ma żżewweġ lil Marija. Il-Kattoliċi, bi ftit eċċezzjonijiet (Ambroġ, Ilarju, Girgor ta' Tours) isostnu li dawn l-"aħwa" huma l-kuġini ta' Ġesù miż-żwieġ ta' Kleofa ma' Marija oħt Marija Omm Ġesù. Issa jidher li Kleofa kien ħu San Ġużepp, u Marija ta' Kleofa oħt Marija Omm Ġesù: mela għandna żwieġ ta' aħwa ma' l-aħwa.

## Ġakbu fl-Iskrittura

Issa li stabilixxejna l-identità ta' Ġakbu bin Alfew ma' Ġakbu ħu l-Mulej, u rajna li hu l-istess appostlu li għalih jirreferi t-Testment il-Ġdid, irridu napplikaw għalih id-dettalji kollha preżenti fil-Bibbja. It-taħriġ ta' Ġakbu (u ta' ħuh Ġuda) kien dak komuni fid-djar kollha Lhud, u għalhekk kien ibbażat fuq l-għarfien ta' l-Iskrittura mqaddsa u l-osservanza rigoruża tat-"Torah", jew tal-Liġi ta' Mosè. Hemm ħafna fatti li jindikawlna li l-lingwa u l-kultura Griega kienu mifruxin fil-Lhudija u l-Galilija diġà mill-1 seklu q.K. Nistgħu, għaldaqstant, nissopponu li l-appostli, jew almenu ħafna minnhom, kienu kapaċi jaqraw u jitkellmu kemm bil-Grieg kif ukoll bl-Aramajk. Ġakbu mexa wara Ġesù bħala appostlu flimkien ma' ħuh Ġuda; fl-erba' darbiet li nsibu l-lista ta' l-appostli, Ġakbu dejjem jissemma f'ras it-tielet u l-aħħar grupp (Mt 10,3; Mk 3,18; Lq 6,16; Atti 1,13). Dwar Ġakbu meħud għalih waħdu ma jissemma xejn aktar sa wara l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet. San Pawl, f'1Kor 15,5-7 jgħid li l-Mulej deher lil Ġakbu qabel ma tela' s-sema.
Imbagħad Ġakbu ma jissemmiex iżjed sa ma San Pawl, tliet snin wara l-konverżjoni tiegħu (fis-sena 37 w.K.) mar Ġerusalemm. Jgħid li, mit-tnax l-appostli, hu ra biss lil Pietru u lil Ġakbu ħu l-Mulej (Gal 1,19; Atti 9,27). Meta fis-sena 44 Pietru ġie meħlus mill-ħabs b'mod mirakoluż (Atti 12,1-17), u mar fid-dar ta' Marija, omm Ġwanni-Marku, qabel ħarab minn Ġerusalemm talab lill-komunità biex javżaw lil Ġakbu b'li kien ġara: "Agħtu din l-aħbar lil Ġakbu u lill-aħwa l-oħra" (Atti 12,17). Dan kien ifisser li Pietru kien jirrikonoxxi f'Ġakbu l-kap viżibbli tal-komunità Lhudija-Kristjana ta' Ġerusalemm.
Fil-Konċilju ta' Ġerusalemm (51 w.K.) Ġakbu hu dak li jgħid l-aħħar kelma wara li kien tkellem Pietru. Hu iddikjara li l-Kristjani konvertiti minn Pawlu mill-paganiżmu ma kinux marbutin li jħarsu l-Liġi ta' Mosè u jagħmlu ċ-ċirkonċiżjoni, imma fl-istess ħin hu talab li huma jħarsu xi preskrizzjonijiet importanti ta' drawwiet Lhud, biex hekk iżommu l-għaqda fil-Knisja bejniethom u bejn il-Lhud-Kristjani (Atti 15,13ss). Fl-istess okkażjoni l-"kolonni" tal-Knisja ta' Ġerusalemm, jiġifieri Ġakbu, Kefa (Pietru) u Ġwanni, "taw lili u 'l Barnaba l-id il-

leminija tagħhom b'sinjal ta' l-għaqda ta' bejnietna, biex aħna naħdmu fost il-Ġentili u huma fost il-Lhud; talbuna biss, li min-naħa tagħna, nibqgħu niftakru fil-fqar, ħaġa li fittixt nagħmilha minn qalbi" (Gal 2,9-10).
Ġakbu kien juri rispett lejn il-libertà ta' l-Insara-Ġentili mil-Liġi ta' Mosè, għalkemm kien iqis l-osservanza ta' din il-Liġi importanti għalih u għal-Lhud-Insara ta' Ġerusalemm, mhux aktar bħala dmir iebes, daqskemm bħala kontinwità mar-reliġjon Lhudija li minnha twieled il-Kristjaneżimu, filwaqt li kien jiddikjara li "niddikjaraw li, bħalhom (bħall-Insara-Ġentili) aħna nsalvaw bil-grazzja tal-Mulej Ġesù" (Atti 15,11).
Meta nqala' l-inċident ta' Antjokja, li jsemmi Pawlu f'Gal 2,11-14, u Pietru beda jaħrab mill-kumpanija ta' l-Insara-Ġentili ma jikolx magħhom, dan seħħ ħtija ta' "aħwa foloz" li qalu li kienu ġew min-naħa ta' Ġakbu biex jinsistu li mingħajr iċ-ċirkonċiżjoni u l-Liġi ta' Mosè ħadd ma jista' jsalva. Nafu li Ġakbu ma kien ta l-ebda awtorizzazzjoni għal ħaġa bħal din, imma fil-komunità Kristjana-Lhudija ta' Ġerusalemm, kien hemm bosta Fariżej konvertiti li kienu ibsin fl-osservanza tar-reliġjon Lhudija, u li kienu jaraw f'Ġakbu l-garanzija ta' l-"ortodossija" tat-tradizzjoni Lhudija fil-Kristjaneżimu, u riedu jimponuha wkoll fuq il-pagani konvertiti.
Ġakbu jissemma wkoll f'Atti 21,17-26, meta Pawlu tela' Ġerusalemm wara t-tielet vjaġġ missjunarju tiegħu, iġorr miegħu l-offerta tal-Knejjes tal-Maċedonja u l-Akaja favur il-foqra tal-Knisja ta' Ġerusalemm. Kien f'dik l-okkażjoni, fis-sena 58, li Pawlu jagħmel żjara lil Ġakbu, l-isqof ta' Ġerusalemm, li flimkien mal-presbiteri tal-Knisja bdew ifaħħru 'l Alla, imma taw parir lil Pawlu biex imur fit-tempju jħallas għal wegħda ta' sebat irġiel li kienu jridu jagħmlu l-offerta tan-"nażrin", biex hekk juri bil-miftuħ quddiem il-Lhud li hu wkoll kien imur jitlob fit-tempju u josserva l-Liġi ta' Mosè.

## L-Ittra ta' Ġakbu

Waħda mill-Ittri msejħin "Kattoliċi" tat-Testment il-Ġdid għandha bħala awtur tagħha lil Ġakbu. Meta l-Knejjes aċċettaw il-kanoniċità ta' din il-kitba huma identifikaw l-awtur tagħha ma' Ġakbu "ħu l-Mulej", li kellu rwol daqshekk importanti fil-komunità Kristjana ta' Ġerusalemm.
Din l-attribuzzjoni, fil-fatt, ma hix mingħajr diffikultajiet. Qabel xejn, għalkemm fl-Eġittu ma jidhirx li l-Ittra sabet problemi rigward il-kanoniċità, hekk li Oriġene jikkwotaha bħala Skrittura ispirata, imma Ewsebju ta' Ċesarija, fil-bidu tas-seklu 4 jirrikonoxxi li hi kienet għadha diskussa bħala kitba kanonika minn xi wħud. Fil-Knejjes tas-Sirja daħlet fil-kanone fis-seklu 4. Fl-Afrika ma tissemmiex la minn Tertulljanu u lanqas minn Ċiprijanu ta' Kartaġni. F'Ruma ma tidhirx fil-Kanone ta' Muratori, attribwit lil San Ippolitu (c. 200), u mhemmx ċertezza jekk jikkwotawhiex Klement Ruman u l-awtur tal-Pastore ta' Erma.
Jekk kien tassew Ġakbu li kiteb din l-Ittra, hu diffiċli kif damet 4 sekli ma tiġi milqugħa fil-kanoni tal-Kotba tat-Testment il-Ġdid. Imbagħad hi Ittra li nkitbet direttament bil-Grieg, u b'ċerta eleganza ta' stil u rikkezza ta' vokabolarju u arti retorika. Dan kollu jħallina mħassbin jekk setgħetx toħroġ mill-pinna ta' awtur mill-Galilija bħalma kien Ġakbu, ukoll jekk dan forsi seta' nqeda bl-għajnuna ta' xi dixxiplu mħarreġ fil-kultura ellenistika.
Jekk naċċettaw l-awtentiċità ta' din l-Ittra rridu bilfors inqiegħdu l-komposizzjoni tagħha qabel is-sena 62, li timmarka d-data tal-martirju ta' San Ġakbu, isqof ta' Ġerusalemm. Nafu li l-Ittra turi kuntrasti ma' l-Ittra lir-Rumani, għax

filwaqt li Pawlu jinsisti fuq il-ġustifikazzjoni permezz tal-fidi, Ġakbu jinsisti fuq il-fidi li tidher fl-opri. L-Ittra hi indirizzata "lit-tnax-il tribù mxerrda mad-dinja" (Ġak 1,1), li x'aktarx kienu Kristjani ta' oriġini Lhudija li kienu fid-"djaspora" tad-dinja Griega-Rumana, l-aktar fl-inħawi jmissu mal-Palestina, bħalma kienu s-Sirja jew l-Eġittu. L-użu ta' l-Iskrittura fl-Ittra juri li dawn kienu Lhud midħla tal-Kotba Mqaddsa tat-Testment il-Qadim, u l-istil ta' l-Ittra hu ispirat għall-kitbiet ta' l-għerf tat-tradizzjoni Lhudija. Fl-istess ħin, iżda, hemm diversi riferimenti lejn l-Evanġelju, sinjal li l-awtur ta' l-Ittra kien midħla ta' Ġesù u tal-messaġġ tiegħu. Il-kontenuti ta' l-Ittra huma diversi u mhumiex marbutin bejniethom. Ġakbu jitkellem dwar il-bżonn li l-insara jaċċettaw il-prova (1,1-12; 5,7-11), dwar l-oriġini tat-tentazzjoni (1,13-18), dwar il-bżonn li wieħed irażżan ilsienu (1,26; 3,1-12), dwar l-importanza tal-ftehim u tal-ħniena (2,8.13; 3,13-4,2; 4,11ss), dwar il-qawwa tat-talb (1,5-8; 4,2ss; 5,13-18). San Ġakbu jagħtina wkoll is-silta famuża dwar is-sagrament tad-dilka tal-morda f'5,14-15: "Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja, biex dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej; it-talba tal-fidi ssalva lill-marid, u l-Mulej iqajmu; u jekk ikun għamel xi dnubiet, jinħafrulu".
Fil-parti tal-"parenesi" jew tħeġġiġ tagħha, l-Ittra titkellem dwar żewġ temi prinċipali. Titkellem dwar li Alla jagħmel preferenza mal-foqra u jċanfar lill-għonja (1,9-11; 1,27-2,9; 4,13-5,6). Turi wkoll il-valur ta' l-għemejjel tajba u twissi kontra fidi mejta li ma tagħmilx il-frott ta' l-opri (1,22-27; 2,10-26). F'dan ir-rigward ġie li tuża toni polemiċi li xi studjużi jaraw fihom kritika għad-duttrina ta' Pawlu dwar il-ġustifikazzjoni permezz tal-fidi u n-nuqqas ta' qawwa ta' l-opri tal-Liġi biex isalvaw lill-bniedem. Jista' jkun li Ġakbu ma riedx jeħodha kontra Pawlu, imma kontra xi insara li bdew jinterpretaw b'mod esaġerat u żbaljat it-tagħlim ta' l-appostlu tal-ġnus b'detriment għal kull sforz ta' opri tajba.

## Riferimenti għal Ġakbu barra l-Iskrittura

Hemm diversi tradizzjonijiet dwar Ġakbu



*Marija ta' Kleofa, omm S. Ġakbu ż-Żgħir*

ż-żgħir f'dokumenti li ma daħlux fil-kanoni bibliku. Insemmu xi wħud. Fosthom Josephus Flavius, l-istoriku Lhudi, fl-"Antiquitates Judaicae" XX), fl-"Evanġelju tal-Lhud" (S. Ġilormu), f'Eġesippu (ikkwotat f'Ewsebju, "Historia Ecclesiastica", II), fl-Omeliji Psewdo-Klementini (I,72,73), fi Klement ta' Lixandra (ikkwotat f'Ewsebju, "Historia Ecclesiastica" II). Ix-xhieda universali tal-Kristjanità tal-bidunett taqbel mal-fatt li Ġakbu kien l-isqof ta' Ġerusalemm. Eġesippu, li kien Lhudi-Kristjan li għex għall-ħabta ta' nofs it-2 seklu, jgħidilna li Ġakbu jissejjaħ "il-Ġust", li ma kienx jixrob inbid jew xorb li jsakkar, ma kienx jiekol laħam, ma kienx iqaxxar xagħru, ma kienx jinħasel jew jindilek biż-żejt ifuħ, u li ġie mogħti l-martirju mil-Lhud.

## Il-Martirju ta' Ġakbu

Skond Josephus Flavius, "Antiquitates Judaicae" 20,9 Ġakbu ħu l-Mulej miet wara li kien miet il-prokuratur Ruman Porcius Festus, imma qabel ma sar prokuratur Lucceius Albinus. Ninsabu fis-sena 62. Il-qassis il-kbir Ananija ħa l-vantaġġ biex ilaqqa' s-Sinedriju u kkundanna lil Ġakbu talli mar kontra l-Liġi u taħ il-martirju billi ħaġġruh.

Ewsebju ta' Ċesarija wkoll ifakkar f'siltiet minn Eġesippu u Klement ta' Lixandra li jitkellmu dwar il-martirju ta' Ġakbu. Il-valur ta' dawn ir-rakkonti hu kbir, għax l-Atti ta' l-Appostli jieqfu jitkellmu dwar Ġakbu qrib is-sena 60. Wara l-martirju ta' Ġakbu Vespasjanu kien assedja u qered Ġerusalemm fis-sena 70. Wara Ġakbu l-Knisja ta' Ġerusalemm kellha lil Xmun bħala isqof tagħha. Dan Xmun, skond it-tradizzjoni kien iben Kleofa, u kien id-dixxiplu mhux imsemmi minn Luqa li kien qed jakkumpanja lil missieru fit-triq lejn Għemmaws nhar Ħadd il-Għid filgħaxija. Mela Xmun kien ħu Ġakbu u wkoll kuġin ta' Ġesù.

## It-tifkira ta' San Ġakbu f'Ġerusalemm

Il-Knisja-Omm ta' Ġerusalemm għadha sal-lum tfakkar b'mod speċjali lill-appostlu San Ġakbu ż-żgħir, bħala l-ewwel isqof tagħha, fil-festa partikulari tiegħu nhar it-3 ta' Mejju. Il-knisja kattidrali ta' San Ġakbu, is-sede tal-Patrijarka Armen Ortodoss ta' Ġerusalemm, inbniet fuq il-qabar ta' San Ġakbu ħu l-Mulej. Hi knisja kruċjata mibnija fis-seklu 12, u li fiha sar xogħol ta' restawr intens mill-patrijarka Girgor (1715-1749). Il-kattidral ta' San Ġakbu jinsab proprju fil-kwartier Armen ta' Ġerusalemm, fit-triq li tagħti mill-Bieb ta' Ġaffa għall-Bieb ta' Sijon, li minnu wieħed joħroġ għaċ-Ċenaklu u l-Bażilika tad-Dormizzjoni tal-Madonna. Il-kattidral minn ġewwa għandu tliet kappelli ċkejknin fil-ġenb tax-xellug. L-ewwel kappella fiha l-qabar ta' San Makarju, isqof ta' Ġerusalemm waqt il-Konċilju ta' Nicea (325), u strumentali għax kien tkellem ma' Kostantinu u Elena dwar il-Postijiet Qaddisa pprofanati mill-imperatur Adrijanu, li mbagħad inbnew fuqhom il-Bażiliċi tal-Qabar ta' Kristu u ta' Betleħem. It-tielet kappella mid-daħla hi s-santwarju li fih il-pellegrini jqimu r-relikwa tar-ras ta' San Ġakbu appostlu, ħu San Ġwann. Skond it-tradizzjoni Armena, Ġakbu bin Żebedew indifen hawnhekk wara l-martirju tiegħu fi żmien ir-re Erodi Agrippa I.
Fuq il-presbiterju hemm żewġ tronijiet. Wieħed minnhom li fih kanopew hu t-tron simboliku ta' San Ġakbu, l-ewwel isqof ta' Ġerusalemm, li jinsab midfun taħt l-altar maġġur. It-tieni tron jintuża mill-Patrijarka Armen Ortodoss.

**Noel Muscat**



# PAWLU TA' TARSU (2)

## IL-ĠRAJJA TA' DAMASKU

Il-konverżjoni ta' San Pawl fi triqtu lejn Damasku hi l-aktar ġrajja importanti fil-ħajja ta' l-Appostlu. Wara l-qawmien mill-imwiet ta' Kristu, hi l-avveniment li l-aktar kellu influss fuq il-kristjaneżimu tal-bidu u ta' kull żmien. Minkejja dan, fl-ittri tiegħu, Pawlu qatt ma jagħmel riferiment dirett għal din il-ġrajja. Hu jirreferi għal esperjenza li biddlitlu ħajtu



*Memorjal Konverżjoni ta' S. Pawl, Damasku*

b'mod sħiħ u radikali, imma ma jħarisx lejha bħala xi ħaġa iżolata. Kien Alla li ħadem fl-eżistenza ta' Pawlu u li għaddih b'mod providenzjali minn dawk it-toroq li Hu kien stabilixxa (Gal 1,15). Il-ġrajja ma tiġix irrakkontata bħala esperjenza personali ta' Pawlu, daqskemm bħala esperjenza li sseħħ fid-dawl tax-xandir ta' l-Evanġelju. Hekk jikteb San Pawl lill-Galatin 1,15-16: "Imma meta Dak li għażilni sa minn ġuf ommi, u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu, għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex inħabbru fost il-ġnus..." L-istess jiġri fl-Atti, fejn fil-viżjoni ta' Kristu Pawlu jirċievi l-mandat profetiku li jsir xhud tiegħu u jħabbru (Atti 26,17-18) quddiem il-ġnus (Atti 22,15) u quddiem in-nazzjonijiet, is-slaten u wlied Israel (Atti 9,5).

## L-interpretazzjoni tal-ġrajja ta' Damasku

L-interpretazzjonijiet prinċipali fost l-istudjużi tal-Bibbja rigward il-ġrajja ta' Damasku huma tlieta: l-interpretazzjoni naturalistika, l-interpretazzjoni psikoloġika u l-interpretazzjoni storiko-kritika.

1) L-interpretazzjoni naturalistika. Din issegwi l-metodu razzjonali-naturalistiku ta' personaġġi bħal Paulus u Renan, li jinterpreta l-fatti kollha mirakolużi tal-ħajja ta' Ġesù, inkluża r-resurrezzjoni, bħala fatti naturali. Skond Paulus, Kristu ma mietx verament, imma wara d-daqqa ta' lanza tas-suldat daħal fi stat ta' mewt apparenti. Hekk il-qawmien tiegħu mill-mewt ma kienx għajr tip ta' fejqan minn din il-mewt apparenti. Wara li ġie f'tiegħu Ġesù, megħjun mid-dixxipli, warrab minn Ġerusalemm. Id-dixxipli komplew jispjegaw it-tagħlim ta' Ġesù u bdew jgħidu li Ġesù kien jinsab Damasku, fejn iltaqa' ma' Pawlu, ċanfru talli kien qiegħed jippersegwita lill-insara, kkonvertih biex isir appostlu tiegħu. Quddiem spjegazzjoni inġenwa ta' dan it-tip ma jifdal xejn ħlief li nitbissmu quddiem din l-immaġinazzjoni. Renan jipprova jispjega l-konverżjoni ta' San Pawl bħala bidla interjuri li l-appostlu ħass meta waqt il-

vjaġġ lejn Damasku ħalla lilu nnifsu jiġi nfluwenzat minn rakkonti ta' dehriet ta' Ġesù irxuxtat. Il-fatt li jitlef id-dawl ta' għajnejh Renan jispjegah bħala "oftalmia" minħabba l-vjaġġ twil. Id-deni qawwi minħabba s-sħana tad-deżert, u forsi tempesta qalila li niżlet mill-muntanja Ħermon, ħallew f'Pawlu sens ta' biża' quddiem dik li hu ħasibha dehra ta' Ġesù. Hawnhekk ukoll, ma nafux kemm Renan innifsu kien jemmen dawn il-fantasiji li jirrakkonta.

2) L-interpretazzjoni psikoloġika. Skond Holsten l-esperjenza ta' Damasku kienet għal Pawlu waħda ta' kriżi intellettwali, frott ta' rimors ta' kuxjenza minħabba l-kompliċità tiegħu fil-martirju ta' Stiefnu u tal-ħruxija tiegħu lejn l-insara. B'hekk hu ġie konvint internament biex ibiddel ħajtu u jxandar lil dak li qabel kien qiegħed jippersegwitah.

3) L-interpretazzjoni storiko-kritika. Din hi l-interpretazzjoni li hi l-aktar aċċettata fost l-istudjużi. Għal xi wħud il-konverżjoni ta' Pawlu hi rakkont li jixbah diversi rakkonti simili ta' konverżjoni fl-ambjent Lhudi tal-Bibbja, u wkoll f'dak ellenistiku. Naturalment, din l-interpretazzjoni ta' l-"iskola tar-reliġjonijiet" tibqa' vittma ta' xettiċiżmu razzjonalista li ma jaċċettax il-kontenuti veri tal-ġrajja kif hi rrakkontata. It-tieni interpretazzjoni hi dik "storiċista" ta' dawk l-istudjużi li jiddefendu b'mod qawwi l-verità storika tar-rakkont kif inhu. Pawlu kien verament dak li ried il-qtil ta' Stiefnu (Atti 7,60) u ta' l-insara l-oħrajn (Atti 26,10), u mar Damasku mingħajr l-ebda kriżi ta' kuxjenza.
Din l-interpretazzjoni ma jirnexxilhiex tqarreb flimkien ir-rakkonti ta' l-Atti ma' dak li Pawlu nnifsu jgħid fl-ittri tiegħu. It-tielet tendenza hi dik kritiko-letterarja, li tagħmel studju akkurat tat-tliet rakkonti tal-konverżjoni li Luqa jagħtina fl-Atti, u tistudja l-kliem, l-istil, u tifred dak li hu storiku minn dak li hu elaborazzjoni teoloġika ta' Luqa. Din l-interpretazzjoni tisħaq dwar is-superjorità ta' l-ittri ta' San Pawl fuq ir-rakkonti ta' l-Atti, dwar il-fatt li bejniethom hemm paralleliżmu u mhux uniformità, u dwar it-tifsira li Pawlu nnifsu jagħti lill-esperjenza ta' Damasku.
L-eseġeti llum jaqblu li l-ġrajja ta' Damasku ma nistgħux ninterpretawha bħala fenomenu mistiku, imma bħala qawwa tad-divin li tidħol fil-ħajja ta' Pawlu, bħala intervent dirett ta' Alla li fi Kristu Ġesù għamel minn Pawlu "ħolqien ġdid": minn persekutur Fariżew ta' Ġesù, Pawlu jsir l-Appostlu miġnun bl-imħabba għal Kristu.

*Knisja S. Ananija, Damasku*



## Is-sens tal-ġrajja ta' Damasku

Għalkemm ħafna jitkellmu mill-"konverżjoni" ta' San Pawl, din il-kelma ma toqgħodx tajjeb għall-każ eċċezzjonali ta' Pawlu. Mhux biss, imma tnissel konfużjoni u tittradixxi saħansitra s-sens profond tas-siltiet kemm fl-Ittri kif ukoll fl-Atti. Pawlu qatt ma jħares lejn din l-esperjenza bħala waħda li fiha għadda minn reliġjon għal oħra. Ma ninsewx li, sa dak iż-żmien, il-kristjaneżimu kien għadu ma nfiridx għal kollox mir-reliġjon Lhudija. Tant hu veru li Pawlu mar biex jaqbad lill-insara f'Damasku għax kien iqishom bħala eretiċi fir-reliġjon Lhudija. L-istess Appostli Pietru, Ġakbu, Ġwanni, u l-kristjani ta' Ġerusalemm komplew imorru jitolbu fit-tempju, kienu josservaw is-Sibt u jmorru s-singagoga (Atti 2,46a; 3,1; 13,14). Lanqas ma kien jaħseb Pawlu li għadda minn reliġjon inferjuri għal waħda superjuri: Pawlu dejjem baqa' raġel imħeġġeġ għal Alla u għal-Liġi.

Il-bidla ta' Pawlu kienet xi ħaġa aktar radikali. Meta ltaqa' ma' Kristu Pawlu sar "ħolqien ġdid". Alla daħal fil-ħajja tiegħu permezz ta' Kristu, u iddetermina fih ħolqien ġdid u radikalment divers. Pawlu nnifsu jgħid f'2Kor 5,17: "Meta wieħed jingħaqad ma' Kristu jsir ħolqien ġdid". Id-dawl tal-wiċċ ta' Kristu idda fuq Pawlu: "Dan Alla li qal: 'Ħa jiddi d-dawl mid-dlam', dak hu li idda fi qlubna biex jagħtina d-dawl ta' l-għarfien tal-glorja ta' Alla, li tiddi f'wiċċ Kristu" (2Kor 4,6). "Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu, u nkun ninsab fih; mhux għax għandi xi ġustizzja tiegħi, dik li tiġi permezz tal-Liġi, iżda dik li tiġi permezz tal-fidi fi Kristu; il-ġustizzja ġejja minn Alla u mibnija fuq il-fidi" (Fil 3,8-9). Pawlu l-Fariżew, li sa dak il-ħin kien iqis il-Liġi ta' Mosè fuq kollox, minn din l-esperjenza seta' jgħid: "Għax għalija l-ħajja hi Kristu" (Fil 1,21), "għaliex, biċ-ċirkonċiżjoni jew mingħajrha, xejn ma hemm ta' siwi, ħlief il-ħolqien ġdid" (Gal 6,15). "Ngħid għalija, ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesù Kristu, li bih id-dinja hi msallba għalija u jien għad-dinja" (Gal 6,14). Pawlu nnifsu joffri interpretazzjoni ta' din l-esperjenza li qajmet rivoluzzjoni f'ħajtu, meta jikteb lill-Galatin: "Imma meta Dak li għażilni sa minn ġuf ommi, u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu, għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex inħabbru fost il-ġnus, minnufih, bla ma qgħadt infittex li nieħu parir mingħand bnedmin tad-demm u l-laħam..." (Gal 1,15-16). Mela, għal Pawlu l-ġrajja ta' Damasku ma kinetx konverżjoni, imma kienet il-quċċata ta' l-eżistenza tiegħu: sa minn twelidu Alla kien qiegħed imexxih bil-mod u bis-sabar lejn dan il-mument deċiżiv, li fih Kristu ħatfu għalih darba għal dejjem. "Imma dak kollu li għalija kien qligħ, jien għaddejtu bħala telf minħabba Kristu" (Fil 3,7). Hu fl-imħabba ta' Kristu li nsibu l-kriterju interpretattiv tal-ġrajja ta' Damasku, dik il-ġrajja li għamlet minn Pawlu appostlu li jaħdem bla heda għall-Mulej li kien iħobb.

L-Atti ta' l-Appostli, li jirrakkontaw din il-ġrajja tliet darbiet, m'humiex bogħod minn din l-interpretazzjoni li Pawlu jagħtiha. Għalkemm mhijiex kopja li taqbel perfettament, l-opra ta' Luqa tippreżenta l-esperjenza ta' Damasku bħala laqgħa ta' Kristu ma' Pawlu, li fiha l-Appostlu jiġi maħtur għall-missjoni tiegħu fost il-ġnus. Hemm qbil essenzjali bejn Gal 1,15-16 u Atti 26,12-18: hi viżjoni u investitura għal missjoni. L-awtur ta' l-Atti jinsisti l-aktar fuq id-deskrizzjoni tal-viżjoni, imma dan juri kemm Luqa hu prudenti quddiem dak li

*Lemin: Knisja ta' Bab Kisan, Damasku, minn fejn S. Pawl niżżluh f'qoffa mal-ħajt tal-belt*

Pawlu stess jafferma bosta drabi fl-ittri tiegħu: "jiena rajt lill-Mulej" (1Kor 9,1; 15,8-9; Gal 1,15-16). Fl-Atti Luqa jagħtina tradizzjoni storikament ippruvata mill-ittri ta' Pawlu, u jdaħħalha fil-kuntest ta' l-iżvilupp tal-ħajja tal-Knisja tal-bidu.

## Il-ġrajja ta' Damasku u l-missjoni lill-ġnus

Għidna li l-ġrajja ta' Damasku torbot flimkien id-dehra ta' Kristu lil Pawlu u l-missjoni tiegħu bħala appostlu tal-ġnus. Din ta' l-aħħar, f'diversi siltiet, tidher li hi konsegwenza diretta ta' l-ewwel (Gal 1,15; Atti 26,15-16). Imma x'inhi r-relazzjoni bejn il-kristofanija u l-missjoni fil-kuntest tal-ġrajja ta' Damasku? Naraw ftit siltiet.

Gal 1,15-17: "Imma meta Dak li għażilni sa minn ġuf ommi, u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu, għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex inħabbru fost il-ġnus, minnufih, bla ma qgħadt infittex li nieħu parir mingħand bnedmin tad-demm u l-laħam, bla ma tlajt Ġerusalemm għand dawk li kienu appostli qabli, jiena mort fl-Għarabja, u mbagħad erġajt lura lejn Damasku".

Atti 9,15-16: "Iżda l-Mulej wieġbu (lil Ħananija): 'Mur, għax dan ir-raġel hu għodda magħżula minni biex iwassal ismi quddiem il-ġnus u s-slaten u quddiem ulied Israel. Jien stess għad nurih kemm irid ibati minħabba f'ismi'".

Atti 22,14-15: "Mbagħad (Ħananija) qalli: 'Alla ta' missirijietna għażlek biex tagħraf ir-rieda tiegħu, tara lil dak li hu l-Ġust u tisimgħu jkellmek b'fommu stess. Għax int għad trid tixhed għalih quddiem il-bnedmin kollha fuq dak li rajt u smajt".

Atti 26,16-18: "Għax jien (Ġesù) għalhekk dhertlek, biex nagħmlek ministru u xhud tad-dehra li fiha rajtni u ta' dawk li fihom għad nidhirlek. Neħilsek mill-poplu u mill-ġnus pagani li għandhom qiegħed nibgħatek, biex tiftħilhom għajnejhom ħalli jerġgħu lura mid-dlam għad-dawl u mis-setgħa tax-xitan u jduru lejn Alla u bil-fidi tagħhom fija, jiksbu l-maħfra tad-dnubiet u jkollhom sehem ma' dawk li huma ikkonsagrati lil Alla".





Dawn is-siltiet juruna li kemm Pawlu kif ukoll Luqa għamlu użu mill-mudell tal-vokazzjoni tal-profeti fit-Testment il-qadim (cfr. Gal 1,15-16 // Is 49,1; Atti 9,15 // Ġer 1,10; Atti 26,16-18 // Is 48,6.7.16). Minn dawn it-testi paralleli jirriżulta li l-vokazzjoni ta' Pawlu titqiegħed f'riferiment mhux biss mal-vokazzjoni tal-profeti, imma wkoll ma' dik tal-Qaddej sofferenti ta' Jaħweh, li hu xbieha ta' Kristu, u li tiegħu issa Pawlu jrid jieħu fuq spallejh il-missjoni. Pawlu rċieva l-vokazzjoni tiegħu profetika fil-mument tal-viżjoni ta' Damasku: id-dehra saret biex turih il-missjoni tiegħu x'kellha tkun. Kristu deher lil Pawlu biex jaħtru "xândar" tiegħu (Gal 1,16), biex "iwassal ismu" (Atti 9,15), biex "jixhed għal Kristu" (Atti 22,15; 26,16). Jista' jkun li l-vokazzjoni profetika u l-ħatra ta' Pawlu bħala appostlu seħħu f'żewġ mumenti distinti. Tant hu hekk li l-Atti jitkellmu mill-medjazzjoni ta' Ħananija, biex jiddistingwu ż-żewġ mumenti tal-viżjoni u tal-missjoni. X'aktarx li fil-mument tal-kristofanija Pawlu ma kellux ċara quddiemu l-għażla tiegħu bħala appostlu, imma ħass li kien Kristu li qed isejjaħlu għal xi ħaġa kbira.
Pawlu spiss jinsisti fuq verità importanti: il-missjoni tiegħu ma kinetx inkarigu li rċieva mill-Knisja, imma kien Kristu nnifsu, irxuxtat u glorjuż, li bi privileġġ uniku għamlu jixbah lill-appostli l-oħrajn.
Pawlu ma jarax kontradizzjoni bejn il-missjoni tiegħu u t-tradizzjoni tal-Knisja: mill-banda l-waħda jafferma li l-missjoni tiegħu rċeviha minn Kristu, u mill-banda l-oħra jħoss fil-fond ta' qalbu li l-kontenut ta' din il-missjoni jaqbel ma' dak li kienet ixxandar il-Knisja tal-bidu: Kristu l-Mulej, li miet u rxoxta għalina. Hu l-messaġġ tal-ħelsien minn kull jasar fi Kristu Ġesù.

## Pawlu fid-deżert ta' l-Għarabja

F'Gal 1,15-17 Pawlu jikteb: "Imma meta Dak li għażilni sa minn ġuf ommi, u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu, għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex inħabbru fost il-ġnus, minnufih, bla ma qgħadt infittex li nieħu parir mingħand bnedmin tad-

demm u l-laħam, bla ma tlajt Ġerusalemm għand dawk li kienu appostli qabli, jiena mort fl-Għarbja, u mbagħad erġajt lura lejn Damasku". Skond Atti 9,23, iżda, Pawlu dam Damasku għal "ħafna żmien", u skond Gal 1,18 dan il-perjodu kien ta' "tliet snin".
Biex jikkordinaw aħjar dak li jgħidu l-Atti ma' dak li Pawlu jgħid f'Galatin, xi awturi jammettu li Pawlu kien qagħad Damasku darbtejn u mhux darba waħda biss. L-ewwel qagħad għal żmien limitat qabel ma mar fl-Għarabja, u mbagħad qagħad għal tliet snin.
Il-vjaġġ ta' San Pawl fl-Għarbja jqajjem xi problemi. Għalfejn Pawlu mar l-Għarbja? Liema reġjun jindika l-isem Għarabja? Kemm dam hemmhekk? Fi żmien Pawlu l-isem Għarabja ma kienx jindika l-peninsula u d-deżert ta' l-Għarbja tal-lum, imma pjuttost ir-reġjun immens mis-Sirja sal-Baħar l-Aħmar u l-Oċean Indjan, u mill-Ġordan sal-Golf tal-Persja. F'kelma oħra d-deżert tas-Sirja u tal-Ġordanja kien inkluż f'dan ir-reġjun. Dan ir-reġjun, li kien fih bliet importanti (Petra, Gerasa, Pella, Filadelfia [Amman]) kien taħt is-saltna tan-Nabatej, li fuqhom kien isaltan Areta IV (8-40 w.K.) Fil-kummentarju tiegħu għall-Ittra lill-Galatin San Ġilormu jikteb li Pawlu mar f'dan ir-reġjun deżertiku biex jirrifletti u japprofondixxi s-sejħa appostolika tiegħu. Imma żgur li Pawlu ma damx żmien twil f'dan ir-reġjun, u reġa' lura lejn Damasku. Forsi wkoll telaq minn Damasku l-ewwel darba għal raġunijiet ta' prudenza, biex ma jurtax il-komunità Lhudija ta' Damasku li setgħet tirreaġixxi meta tara kif minn Fariżew akkanit Pawlu sar appostlu ta' Kristu.

## Predikazzjoni u ħarba minn Damasku

Meta reġa' lura Damasku, Pawlu "malajr beda jxandar lil Ġesù fis-sinagogi u jgħid li dan hu l-Iben ta' Alla" (Atti 9,20), u li "Ġesù hu l-Messija" (Atti 9,22). Il-predikazzjoni tiegħu qanqlet stagħġib fost l-insara, li kienu jfaħħru lil Alla (Gal 1,23-24; Atti 9,21), filwaqt li kienet turta lil-Lhud, li raw din il-bidla ta' Pawlu bħala tradiment tal-konvinzjonijiet Fariżajċi tiegħu. B'hekk "wara li għadda ħafna żmien" (Atti 9,23), jiġifieri madwar "tliet snin" (Gal 1,18), "il-Lhud ftiehmu li joqtlu lil Sawl" (Atti 9,23). Fl-istess waqt, ma nafux għal liema raġuni, "meta kont f'Damasku, il-gvernatur tas-sultan Areta





*"darba billejl id-dixxipli tiegħu qabduh u niżżluh ġo qoffa mas-sur tal-belt"*

(Areta IV tan-Nabatej, li kien ġie mneħħi minn Tiberju fis-sena 36 w.K., imma reġa' mogħti ħakma fuq Damasku minn Caligola fis-sena 37 w.K.), qiegħed l-għases mal-belt ta' Damasku biex jaqbadni, iżda niżżluni ġo qoffa minn tieqa fil-ħitan tal-belt, u ħrabt minn taħt idejh" (2Kor 11,32-33). Atti 9,24 jgħidu li "darba bil-lejl id-dixxipli tiegħu qabduh u niżżluh ġo qoffa mas-sur tal-belt". Ninsabu madwar is-snin 37-39 w.K. Pawlu jaħrab lejn Ġerusalemm, biex "iżur lil Kefa [Pietru]" (Gal 1,18).

## Pawlu jitla' Ġerusalemm. Lura lejn Tarsu

Hemm differenza bejn Galatin u Atti dwar id-drabi li Pawlu tela' Ġerusalemm. Galatin tgħid li Pawlu tela' Ġerusalemm "wara tliet snin", meta telaq minn Damasku (Gal 1,18-20), u mbagħad "wara erbatax-il sena" (Gal 2,1-10). Skond Gal 2,10; 1Kor 16,1-4; Rum 15,25-32 Pawlu tela' wkoll biex joffri l-"ġabra" favur l-insara foqra ta' Ġerusalemm lill-anzjani. Filwaqt li Pawlu fl-ittri jsemmi li tela' Ġerusalemm "wara tliet snin", imbagħad "wara erbatax-il sena", u fl-aħħarnett fi żmien imprеċiżat biex jieħu l-"ġabra" lill-anzjani, l-Atti jitkellmu minn żjara ta' Pawlu f'Ġerusalemm wara l-ħarba minn Damasku (Atti 9,26-30, minn żjara biex jieħu l-"ġabra" għand il-presbiteri (Atti 11,30), u miż-żjara waqt il-"Konċilju ta' Ġerusalemm" (Atti 15,2-29). X'aktarx li l-ordni kronoloġiku tat-tliet żjajjar ta' Pawlu f'Ġerusalemm għandu jkun dan li ġej:

1) Pawlu jitla' Ġerusalemm "wara tliet snin" mill-konverżjoni tiegħu (Gal 1,18-20; Atti 9,26-30), jiġifieri fis-sena 39 w.K.

2) Pawlu jerġa' jitla' għall-"Konċilju ta' Ġerusalemm" (Gal 2,1-10 // Atti 15,2-29), wara l-ewwel vjaġġ missjunarju tiegħu, fis-sena 49-50 w.K., "wara erbatax-il sena" (Gal 2,1-10).

3) Pawlu jitla' fi żmien mhux preċiż biex jieħu l-"ġabra" lill-komunità kristjana ta' Ġerusalemm (Atti 11,30 // Gal 2,10 // 2Kor 8-9).

L-ewwel darba li Pawlu jitla' Ġerusalemm, skond Gal 1,18, jitla' bi skop preċiż. Wara l-ħarba minn Damasku, "tliet snin wara, tlajt Ġerusalemm inżur lil Kefa, u bqajt miegħu ħmistax-il ġurnata". U jżid: "Mill-appostli l-oħra ma rajt lil ħadd; iżda rajt lil Ġakbu ħu l-Mulej" (Gal 1,19). Għalkemm l-Appostlu ma jgħidilniex eżattament ir-raġuni għaliex tela' Ġerusalemm, nafu li hu mar jiltaqa' ma' Pietru u li dam miegħu ħmistax-il ġurnata. Dan ifisser li hu kellu intenzjoni li jiltaqa' ma' l-aktar xhud kwalifikat tal-ħajja tal-Mulej Ġesù, u ċertament irċieva mingħandu informazzjoni prezzjuża. Jgħid ukoll li ra lil Ġakbu, li kien il-kap tal-

komunità Lhudija-Kristjana ta' Ġerusalemm, figura importanti u li miegħu Pawlu kellu jħabbat wiċċu aktar tard meta qamet il-kwestjoni dwar l-evanġelizzazzjoni tal-pagani. L-Atti juruna li f'Ġerusalemm Pawlu ltaqa' ma' diffikultà inizjali: hu kien għadu ssuspettat mill-insara għax kienu jafuh bħala persekutur. "Meta wasal Ġerusalemm beda jfittex li jissieħeb mad-dixxipli. Imma lkoll kienu jibżgħu minnu, għax ma kinux emmnu li tassew ikkonverta" (Atti 9,26). Hawnhekk jidħol fix-xena Barnaba, li kien "levita minn Ċipru" (Atti 4,36). Dan "qabdu u ħadu miegħu għand l-appostli. Hu qalilhom kif Sawl kien ra lill-Mulej fit-triq u semgħu jkellmu, u kif f'Damasku kien tkellem b'wiċċu minn quddiem fl-isem ta' Ġesù" (Atti 9,27). Imma f'Ġerusalemm Pawlu mill-ewwel sab oppożizzjoni ħarxa mill-komunità Lhudija. "Għalhekk Sawl baqa' magħhom, dieħel u ħiereġ Ġerusalemm, u kien jitkellem bil-miftuħ f'isem il-Mulej. Kien jitħaddet mal-Lhud Griegi u jiddiskuti magħhom; iżda huma kienu jfittxu li joqtluh. Meta l-aħwa saru jafu b'dan, niżżluh lejn Ċesarija u bagħtuh Tarsu" (Atti 9,28-30).
Hu Pawlu nnifsu li jirreferi għal din l-ewwel oppożizzjoni tal-Lhud f'Ġerusalemm. Fid-diskors ta' Atti 22,17-21 hu jistqarr: "Rġajt lura lejn Ġerusalemm, u waqt li darba kont qiegħed nitlob fit-tempju, dħalt f'estasi. Rajt lill-Mulej u qalli, 'Fittex oħroġ malajr minn Ġerusalemm, għax m'humiex se jilqgħu x-xhieda tiegħek għalija'. Jiena weġibt, 'Mulej, huma jafu li jien kont immur minn sinagoga għal oħra nitfa' l-ħabs u nsawwat lil dawk li jemmnu fik' ... Imma hu qalli: 'Mur, għax jien se nibgħatek 'il bogħod, fost il-pagani'".
B'hekk Pawlu reġa' lura lejn Tarsu, belt twelidu. Ma nafux kemm dam hemm, għalkemm fis-sommarju li jagħti f'Gal 1,21-24 hu jitkellem minn perjodu ta' bejn 11 u 14-il sena: "Mbagħad mort fl-inħawi tas-Sirja u taċ-Ċiliċja. Il-knejjes ta' Kristu fil-Lhudija kienu għadhom qatt ma raw wiċċi; kienu semgħu biss lin-nies jgħidu li: 'dak li darba kien jippersegwitana, issa qiegħed ixandar il-fidi li darba hu ried jeqred'; u huma faħħru lil Alla minħabba fija".
Kien f'Tarsu li mar Barnaba jfittex lil Sawl, meta l-Knisja-omm ta' Ġerusalemm bagħtitu jivverifika l-konverżjoni tal-pagani f'Antjokja. "Mbagħad [Barnaba] telaq lejn Tarsu jfittex lil Sawl, u meta sabu, ħadu Antjokja. Għaddew sena sħiħa flimkien fil-knisja, u għallmu kotra kbira ta' nies. Kien f'Antjokja li d-dixxipli għall-ewwel darba sejħulhom 'Kristjani'" (Atti 11,25-26). Barnaba u Pawlu kellhom ikunu żewġ appostli li jikkollaboraw għall-evanġelizzazzjoni missjunarja ta' l-Asja Minuri, fl-ewwel vjaġġ missjunarju ta' l-Appostlu tal-ġnus.

**Alfio Marcello Buscemi OFM**





# MARIA, MARA LHUDIJA

Il-glorja ta’ Marija hi riżultat tal-fidi tagħha, u mhux tal-fatt li hi membru tal-poplu Lhudi. Eliżabetta tgħid lil Marija: “Hienja dik li emmnet”. Imma l-fidi tagħna fl-Inkarnazzjoni ġġegħelna ndaħħlu lil Marija u lil Ġesù fil-kuntest soċjali u reliġjuż tagħhom fil-Galilija ta’ l-ewwel seklu.

Kull filgħodu Marija, bħan-nies Lhud kollha, kienet tlissen talba ta’ barka meta tqum: “Tkun imbierek Mulej li ħlaqtni skond ir-rieda tiegħek”. L-irġiel kienu jitolbu tliet barkiet diversi.

F'kelma oħra, kuljum Marija kienet taċċetta l-kondizzjoni tagħha ta' mara, li fil-Lvant kienet dejjem meqjusa bħala inferjuri għar-raġel. Kienet tfakkar li hi kienet ħlejqa ta' Alla u li Alla kien inkuruna l-ħlejqa tiegħu bil-glorja u l-ġieħ, kif jgħid is-Salm 8.

## Marija titlob fis-Sinagoga

Marija kienet taf bħal-Lhud kollha li l-ġisem tar-raġel u tal-mara hu tempju ta' l-Ispirtu. Filun ta' Lixandra u Pawlu ta' Tarsu kienu żviluppaw din it-teoloġija. Bħat-Tempju kull bniedem iġorr fih innifsu l-Menorah fuq wiċċu, fejn hemm seba' fetħiet (widnejn, għajnejn, imnieħer, ħalq). Mela li tixgħel il-Menorah (kandelabru) fuq il-wiċċ ifisser li titbissem lill-ieħor, li tħares lejn l-ieħor bis-simpatija u titrasmettilu d-dawl ta' l-Ispirtu.
Marija kellha l-possibiltà li tmur fis-sinagoga, għaliex fl-ewwel seklu s-sinagogi kienu sempliċi ħafna: kamra rettangolari li kien fiha bieb. Is-sinagogi antiki ta' Gamala, Ġeriko u Masada għadhom jidhru b'din id-dispożizzjoni. Is-siltiet tat-Talmud jgħidulna espressament li n-nisa setgħu jmorru fis-sinagoga. Ukoll jekk għan-nisa ma kienx hemm l-ebda obbligu li jitolbu fis-sinagoga, irridu nfakkru element importanti: l-isbaħ talbiet fil-Bibbja huma talbiet magħmula min-nisa (il-kantiku ta' Mirjam, oħt Mosè [Eż 15,19-21], il-kantiku ta' Debora [Mħ 5,1-31], il-kantiku ta' Anna [1Sam 2,1-10], it-talba ta' Ester [Est 4C,12-30]).
Fis-sinagoga Marija setgħet faċilment titgħallem bl-amment it-talbiet tan-nisa li dwarhom titkellem il-Bibbja. Kienet tisma' lill-irġiel ta' kuljum ilissnu t-talba tax-Shema Israel. Kienet tisma' l-kantiċi tal-Qaddej ta' Alla li kienu jfakkru li l-missjoni ta' Israel hi dik li jwassal id-dawl lid-dinja. Marija wkoll kienet tidħol f'din il-prospettiva filwaqt li tilqa' li tkun il-qaddejja tal-Mulej.

## Marija twettaq għemejjel ta' karità

Meta Marija marret iżżur lil Eliżabetta, fil-Magnificat hi tfakkar diversi siltiet mill-Iskrittura. Dan juri kemm hi kienet midħla tal-Kotba Mqaddsa.
Il-Ġudaiżmu mhuwiex





ortodossija (duttrina skond il-verità), imma ortoprassi (imġiba skond il-verità). Is-siġra tingħaraf mill-frott tagħha. Nafu li l-Lhud kienu jiddistingwu ruħhom meta jwettqu għemejjel ta' karità. It-Targum ta' Ġen 35,9 joffri lista ta' għemejjel ta' karità: li wieħed jieħu sehem fil-festi tat-tieġ, għaliex Alla ħalaq lil Adam u lil Eva; li wieħed jifraħ ma' min jifraħ u jibki ma' min jibki; li wieħed iżur il-morda, li jfarraġ lil dawk li huma mnikkta, li jidfen il-mejtin, li jaqsam ħobżu ma' min hu bil-ġuħ u jlibbes lil min hu għarwien.

Marija, mara Lhudija, kienet tqiegħed fil-prattika dawn l-għemejjel ta' karità. Assistiet għat-tieġ ta' Kana, għaliex din kienet l-ewwel għemil ta' karità li kull Lhud jrid jagħmel. Jidher ċar li l-Evanġelju ta' Ġwanni ma jillimitawx is-sinjal (miraklu) ta' Kana għal dan is-sens letterali. Iżid miegħu s-sens spiritwali ħafna

aktar għani. Marija kienet twettaq ukoll għemil ieħor ta' karità: hi tmur iżżur lil Elizabetta, kuġina tagħha, li kienet tqila. Mill-ġdid Luqa ma jillimitax ruħu biss għax-xena fis-sens letterali. Imma lanqas ma nistgħu neliminaw dan is-sens letterali.
Fil-kitba apokrika magħrufa bl-isem ta' Dormitio Mariae, jingħad li, qabel ma mietet, Marija talbet lill-qaddejja tagħha biex wara mewtha kellha tagħti l-ilbies tagħha lill-foqra. Mill-ġdid l-apokrifu jippreżenta lil Marija bħala mara li tqiegħed fil-prattika l-għemejjel ta' karità.

## Marija tosserva l-Liġi ta' Mosè

Il-Ġudaiżmu jinsisti ħafna dwar ir-regoli ta' safa, u l-aktar fil-każ tal-mara. Marija osservat dawn ir-regoli. F'Nazaret instabu tliet "miqwaot", jiġifieri banji għall-purifikazzjoni tan-nisa. Nafu li 40 jum wara t-twelid ta' Ġesù Marija marret biex tippreżenta lil Binha fit-Tempju u biex toffri skond il-liġi ta' Mosè s-sagrifiċċju tal-foqra: "Wara li għalqilhom iż-żmien għall-purifikazzjoni tagħhom skond il-Liġi ta' Mosè, ħadu lit-tifel Ġerusalemm biex jippreżentawh lill-Mulej" (Lq 2,21). Lev 12,2-4 jgħid li meta mara twelled tarbija tifel hi kellha tibqa' mniġġsa għal sebat ijiem. Fit-tmien jum kellha tieħu t-tifel għaċ-ċirkonċiżjoni. Imbagħad kellha tibqa' 33 jum ieħor biex tissaffa min-nixxiegħa tad-demm tagħha: ma setgħetx tmiss l-ebda ħaġa mqaddsa u ma kellhiex tidħol fis-santwarju, sakemm ma jkunux għaddew il-ġranet tal-purifikazzjoni tagħha. Marija osservat dawn ir-regoli mingħajr ma stenniet l-ebda privileġġ.
Kull nhar ta' Sibt Marija kienet tħejji l-musbieħ fuq il-mejda tal-familja, u kellha l-privileġġ li tlissen it-talba ta' barka meta kienet tixgħlu: "Tkun imbierek Mulej li tlabtna biex nixegħlu dan id-dawl". Il-mara titrasmetti d-dawl meta hi ssir omm. Pawlu l-Fariżew jirrepeti dan it-tagħlim: il-mara ssalva ruħha billi tnissel l-ulied u ssir omm (1Tim 2,15). Wara din iċ-ċerimonja kienet issir iċ-ċena ta' lejlet is-Sibt, u ġeneralment wara l-ikla kien isir kant ta' xi għanjiet. Il-jum tas-Sibt kellu jkun "oneg", jew gost, għaliex kien ifakkar il-ħolqien. Alla nnifsu kien straħ wara li kien ħalaq is-sema u l-art.

## Marija tmur f'pellegrinaġġ

Marija kienet tmur f'pellegrinaġġ lejn Ġerusalemm. Nafu mill-Bibbja li kienu biss l-irġiel li kellhom l-obbligu li jmorru tliet darbiet fis-sena Ġerusalemm biex "jidhru quddiem il-Mulej". Imma l-għejun Lhud jgħidulna li fl-ewwel seklu, x'aktarx taħt l-influss tal-Griegi u tar-Rumani, in-nisa riedu huma wkoll imorru f'pellegrinaġġ. It-Testment il-Ġdid ukoll jikkonfermalna dan: kienu jitilgħu familji sħaħ lejn Ġerusalemm. Għall-festa ta' Sukkot (Għarejjex) kienet tingħata ikla speċjali lin-nisa. Iċ-ċerimonja kienet tissejjaħ: il-hena ta' min jimla l-ilma (simhat bet ha shoeva).
Meta Ġesù kellu 12-il sena għamel il-bar Mitswa (ukoll jekk dan l-isem hu tardiv, imma r-rit kien diġà jeżisti kif jirriżulta mill-Mishna Abot). Marija kienet preżenti flimkien ma' Ġużeppi u lissnet il-barka: "Imbierek int Mulej li neħħejtli minn fuq spallejja r-responsabilità ta' dan it-tifel". F'Nazaret Ġużeppi u Ġesù kull filgħodu u filgħaxija kienu jlissnu ix-Shema Israel (Dt 6,4). Marija kienet tisma', kienet tingħaqad fis-skiet mat-talba tagħhom, bħalma kienet tagħmel kull mara edukata. Ġużepp u Ġesù kienu jlissnu t-talba tal-Qaddish meta kienu jkunu qraw silta mill-Iskrittura. Ukoll f'din l-okkażjoni Marija kienet tisma': "Ħa jkun imfaħħar, igglorifikat u ċċelebrat l-Isem qaddis tiegħek. Ħa tiġi saltnatek fi żminijietna". Marija kienet taf li t-tqaddis ta' l-isem



kien jiġi mhux mill-kliem, imma permezz tal-ħajja. Fl-apokrifi, u b'mod partikolari fil-Protovanġelu ta' Ġakbu, Marija tiġi pppreżentata bħala Sara ġdida, bħala Rebekka ġdida, u bħala Rakele ġdida. Luqa diġà jippreżenta lil Marija bħala Sara ġdida: "Għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir". Din il-frażi ta' l-anġlu tinstab digà fir-rakkont tal-wegħda li saret lil Sara, il-mara sterili: "Għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir". L-apokrifu tad-Dormitio Mariae jippreżenta l-aħħar ġranet ta' Marija taħt forma ta' testment. Nafu li l-ġeneru letterarju tat-testment kien użat ħafna. Marija tagħti l-aħħar rieda tagħha lil Ġwanni u lil Pietru. Imbagħad tiċċelebra l-aħħar festa ta' l-Għarejjex, għaliex din il-festa kienet ippreżentata bħala antiċipazzjoni taċ-ċelebrazzjoni tal-qawmien tal-ġisem mill-imwiet. Marija tieħu l-palma f'idha, titla' fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, l-għolja tal-qawmien mill-mewt. Iċ-ċerimonja tad-difna tiġi ċċelebrata skond kif kien isir fil-kultura Lhudija. L-appostli jkantaw is-salm ta' l-Għid: "Meta Israel ħareġ mill-Eġittu". L-ikonografija biżantina tuża ħafna din is-silta apokrifa biex tfakkar l-aħħar waqtiet tal-ħajja ta' Marija fuq din l-art. Billi t-tradizzjoni Lhudija kienet għarfet li Mirjam, oħt Mosè, kienet mietet permezz ta' bewsa ta' Alla (al pi Adonai) u li ma kinetx rat it-taħsir tal-qabar, il-komunità Lhudija-Kristjana bdiet tgħid li Marija hi Mirjam il-ġdida. Bħal Mirjam il-ġdida hi mietet bil-bewsa ta' Binha: Ġesù jersaq lejn ommu, ibusha u jieħu lil ruħha, li mbagħad iħalliha f'idejn l-arkanġlu Mikiel. Marija ma kellhiex id-dehra ta' l-anġlu tal-mewt.

## Marija, mara umli u fqira ta' Jaħweh

Ejjew nieqfu għal ftit fuq il-Magnificat, li mhix opra tat-teoloġija ta' Luqa, imma espressjoni tal-fidi biblika ta' Marija. Hu importanti li ninsistu fuq it-traduzzjoni: "Għax Hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu". Tapeinosis ma tfissirx umiltà, imma kondizzjoni umli u fqira (bil-Malti tradotta bil-kelma "ċokon"). Luqa hu l-evanġelista

tal-fqajrin. Jekk Marija tiftaħar bl-umiltà tagħha, x'tip ta' umiltà kienet tkun din?
Iż-żewġ versetti li juru l-intenzjoni ta' tifħir (Lq 1,46b-47): "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej ... għax Hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu", isibu diversi riferimenti fis-Salmi: "Bierek, ruħi tiegħi, il-Mulej; b'qalbi kollha nbierek l-isem qaddis tiegħu (...) Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej" (S 102,1.22; cf. 103,1.35). Meta tirreferi għall-esperjenza reliġjuża tagħha, Marija tassumi l-atteġġjament ta' nisa ta' l-imgħoddi, partikolarment Anna, li sabu motiv għall-ferħ tas-salvazzjoni. Dan tagħmlu bl-espressjoni: "xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon (tapeinosis) tal-qaddejja tiegħu". "Fraħt bis-salvazzjoni tiegħek" (1Sam 2,1). "(Mulej) jekk inti tħares lejn il-hemm tal-qaddejja tiegħek..." (1Sam 1,11).
It-tema tal-ferħ jidwi fil-kliem ta' omm Israel, Lija, u wkoll f'dawk ta' Ġuditta: "Ferħana issa! Għax in-nisa jifirħuli" (Ġen 30,13). "Meta resqu lejha, bdew ifaħħruha lkoll b'leħen wieħed u jgħidulha: 'Bik titkabbar Ġerusalemm! Bik jiftaħar Israel! Int il-foħrija tal-poplu tagħna!" (Ġdt 15,9). Tifkira oħra ta' Sara tinsab fil-kliem: "Ġiebli t-tbissima Alla; kull min jisma' jitbissimli" (Ġen 21,6).
Marija tiġi ppreżentata bħala mara ta' talb skond il-mudell tas-Salmi li hi kienet tlissen. Biżżejjed nikkwotaw xi versetti mis-salmi: "Imma jien fil-Mulej nifraħ, nitgħaxxaq bis-salvazzjoni tiegħu" (S 34,9). "Nifraħ u nithenna għat-tjieba tiegħek, int, li rajt l-hemm tiegħi, li għaraft id-diqa ta' qalbi" (S 30,8). "(Il-Mulej) qaddis u tal-biżà hu ismu" (S 110,9). L-affermazzjoni tal-Magnificat dwar il-ħniena dejjiema ta' Alla (v. 50) issib silta tixbaħha fis-Salm 102: "Daqskemm huma s-smewwiet 'il fuq mill-art, hekk hi kbira tjubitu ma' min jibża' minnu (...) / Bħalma jħenn il-missier għal uliedu, hekk iħenn il-Mulej għal min għandu l-biża' tiegħu (...) / Imma t-tjieba tal-Mulej minn dejjem għal dejjem ma' dawk li għandhom il-biża' tiegħu, u s-sewwa tiegħu ma' wlied uliedhom" (S 102,11.13.17).
Il-ħniena, li hi l-imġiba kostanti ta' Alla, hi t-tema li tmexxi l-Magnificat u li torbot flimkien l-esperjenza personali ta' Marija ma' dik ta' Israel. Marija taqra l-opra ta' Alla fid-dawl ta' l-għemejjel antiki favur il-poplu ("għamel miegħi ħwejjeġ kbar – Hu wera l-qawwa ta' driegħu"), u bil-maqlub, tara l-ġejjieni tal-poplu mibdul mill-għemil li Alla wettaq fiha. Din l-opra mhux biss tikkorrispondi għall-aġir passat tal-Mulej u għall-imġiba kostanti tiegħu lejn il-bnedmin, imma saħansitra tikkostitwixxi t-twettiq tal-wegħdiet magħmulin lill-missirijiet favur in-nisel ta' Abraham.

**Frédéric Manns OFM**
*("La Terra Santa"*
*[Marzu-April 2008] 10-13)*





# IL-QABAR TA' KRISTU SKANDLU U OPPORTUNITÀ GĦALL-INSARA

Iż-żewġ monaċi Griegi Ortodossi jħarsu d-daħla ta' l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu qishom żewġ għassiesa. Għandhom leħja twila u sewda, b'xi xagħar abjad 'l hawn u 'l hemm. Fuq rashom kappell iswed qisu ċilindru. Ħarsithom kburija u attenta lesti biex jindaħlu jekk xi ħadd mis-sekulari jfettillu jagħmel xi mossa stramba. Il-pellegrini joqogħdu wara xulxin jistennew bil-paċenzja biex idaħħluhom fi gruppi żgħar fl-Edikola. Imma l-ħarsa tal-monaċi tifli wkoll bir-reqqa dak li reliġjużi oħrajn qegħdin jagħmlu fil-bażilika dak il-ħin. Jiflu lill-Franġiskani,

lebsin bit-tonka kannella, b'riġlejhom għerja fil-qorq, kif ukoll lill-monaċi Armeni bil-kapoċċ misterjuż ġo rashom, u lil dawk Kopti, b'karnaġġjon skur Eġizzjan.

## L-uċuħ familjari fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu

Il-Qabar ta' Kristu hu mimli reliġjużi li huma membri ta' diversi Knejjes Insara. Hemm jaħbtu spalla ma' spalla l-monaċi orjentali u l-patrijiet Franġiskani, u xi mindaqqiet tarahom jagħtu ħarsa ta' nuqqas ta' fiduċja wieħed lill-ieħor. Fl-iktar post maħbub u sagru għall-Kristjanità, l-Insara jidhru li huma skandlu, għax lanqas huma kapaċi jitolbu flimkien. Kull Knisja tiċċelebra r-riti, il-quddies u l-liturġija tagħha fi spazju tagħha protett u ristrett. Dan kollu ġie maħluq mid-diviżjonijiet, mill-iskomuniki li ingħataw lil xulxin tant sekli ilu, mir-rivalitajiet tal-preżent, li huma ħitan aktar ħoxnin mis-swar ta' żmien it-Torok Ottomani li jdawru l-belt il-qaddisa ta' Ġerusalemm il-qadima.
Skond dak li jissejjaħ «Status Quo», li hu ftehim ta' żmien l-Ottomani li jmur lura għall-1757, u li ġie iffriżat kif inhu llum fl-1852, il-Qabar ta' Kristu sal-lum għadu maqsum bejn sitt komunitajiet insara: il-Griegi Ortodossi, il-Latini (= Kattoliċi Franġiskani), l-Armeni Ortodossi, il-Kopti Ortodossi, is-Sirjani Ortodossi, u l-Abbissini jew Etjopiċi. Il-fruntieri bejn komunità u oħra huma immarkati bl-aktar



oġġetti strambi: xi armarju qadim, jew xi sellum mimli sadid. Quddiem għajnejn il-viżitaturi dawn jistgħu jidhru imbarazz li tħalla hemm minsi minn żmien ilu u barra minn postu. Imma ħażin għalih min ifettillu jmiss xi ħaġa u jbiddel il-ġografija tal-post qaddis. Mhux l-ewwel darba li l-pellegrini jibqgħu miblugħin jekk jassistu għal xi ġlieda dwar xi tapit jew lampier, li donnha hi bla sens, u dan ukoll waqt ċerimonji liturġiċi importanti. Imma jkun żball jekk naħsbu li dawn il-ġlidiet huma biss stejjer ta' min jitħassarhom. Għax fil-fatt il-Qabar ta' Kristu hu spazju hekk simbolikament qawwi,



*Il-Qabar ta' Kristu*

hekk iniżżel għeruq profondi fil-qalb tal-Kristjanità, li l-kontroll tiegħu jikkondizzjona l-istess identità tad-diversi Knejjes insara li hemm ġew jiġġieldu biex iħarsu l-ispazji tagħhom.

## Storja bimillenarja ta' preżenza

Meta fil-bidu tas-seklu 4 l-Imperatur Kostantinu neħħa t-terrapien li bih l-Imperatur Adrijanu kien għatta l-Qabar ta' Ġesù, wara r-rewwixta tal-Lhud tas-sena 135, hu irrivoluzzjona għal kollox l-istorja tad-dinja u l-mod kif l-Insara jgħixu l-fidi tagħhom. Sa dak iż-żmien l-Insara kienu jgħixu fil-moħbi minħabba l-persekuzzjonijiet, u ma kellhom l-ebda post qaddis li setgħu isejħulu tagħhom. Kienu pjuttost konvinti li l-vera Ġerusalemm tinsab fis-sema, u li hawn fl-art huma jgħixu fl-eżilju. Imma meta Kostantinu ta l-permess li jitneħħa t-terrapien fuq il-Qabar ta' Kristu, fejn Adrijanu kien bena tempju lil Afrodite, u jitneħħa wkoll it-tempju ta' Venere fuq il-Kalvarju, kollox inbidel darba għal dejjem. Kien hemm bżonn ta' sentejn sakemm instab il-Qabar ta' Kristu. Tliet sekli qabel Ġesù kien irxoxta minn dak il-Qabar. Issa l-istess Qabar deher leqqien quddiem il-Kristjanità kollha. Fih l-Insara raw mhux biss il-konferma tal-fidi tagħhom imma wkoll iċ-ċentru tad-dinja



nisranija li fiha bdew jgħixu. Ftit bogħod mill-Qabar instabet ukoll il-blata tal-Golgota, jew Kalvarju.
Fuq dan il-post Kostantinu ried jibni knisja grandjuża, l-isbaħ knisja li qatt inbniet fid-dinja. Forsi ma kinetx daqshekk kbira, imma Ewsebju ta' Ċesarija, l-istoriku famuż u l-uniku xhud ta' din l-epoka, li ħallielna x-xhieda tiegħu bil-miktub, jiddeskriviha bħala li kellha sbuħija li tħallik imbellah. Kien hemm bażilika kbira imsejħa «Martyrium», u koppla imsejħa «Anástasis», li kienet iddawwar il-Qabar. Il-bażilika kienet miksija kollha kemm hi bl-irħamijiet u d-dehbijiet li kienu jagħtu dehra ta' tempju jlellex bid-dawl.
Minn dak il-ġojjell ta' arkitettura illum ma fadal kważi xejn. Għalkemm il-bażilika ma inqerditx meta l-armati Persjani invadew l-Art Imqaddsa taħt Kosroe II fis-sena 614, u kompliet tiffunzjona wkoll meta Ġerusalemm ġiet mogħtija lill-Għarab Musulmani tal-Kalif Omar fis-sena 638 mill-Patrijarka Biżantin Sofronju, imma mbagħad il-binja kollha ġiet meqruda bla ħniena fl-1009 meta s-sultan Eġizzjan fanatiku al-Hakim rebaħ Ġerusalemm. Baqa' biss wieqfa parti mill-Qabar ta' Kristu taħt dak it-tifrik kollu, flimkien mal-blata tal-Kalvarju. Il-bażilika reġgħet inbniet

*Il-Golgota*



*L-Edikola tal-Qabar ta' Kristu*

f'dimensjonijiet iżgħar mill-Imperatur Biżantin Kostantinu Monomaco. Meta l-Kruċjati daħlu f'Ġerusalemm fis-sena 1099 huma rrestawraw din il-bażilika fil-forma li fiha narawha llum, billi ġabru t-tifkiriet kollha, u l-aktar il-Qabar ta' Kristu u l-Kalvarju, taħt saqaf wieħed. Din hi l-bażilika li għadna naraw b'għajnejna, għalkemm fl-1808 ġiet meqruda minn nirien kbar, li forsi tqabbdu minn grupp ta' monaċi fis-sakra, biex hekk il-Griegi Ortodossi jakkwistaw il-permess mit-Torok Ottomani, li tagħhom kienu sudditi, biex jirrestawraw il-bażilika kif riedu huma, fuq linji biżantini. Wara r-restawr, li fih inbidlet ukoll l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu (saret dik li naraw illum), il-bażilika mill-ġdid ħasset fit-terremot qawwi ta' l-1927. Dawn il-ġrajjiet kollha tawna l-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu kif narawha llum, labirint ta' kappelli, kripti, passaġġi mdallmin u kolonni mimlijin għabra u nugrufun, bi stili arkitettoniċi mħalltin bejn dak Kruċjat, Biżantin, Armen. Hawnhekk mhix l-arkitettura li hi importanti; ma hawnx teżori bħal San Pietru f'Ruma jew fil-bażiliċi famużi tad-dinja. Dak li jiġbed l-attenzjoni hu l-fatt li l-ħin kollu tiġi mfakkra l-ġrajja tal-qawmien mill-imwiet tal-Mulej. Kollox idur dawra durella ma' l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu, bħal ma ilu jiġri minn żmien Kostantinu. Ftit biċċiet ta' blat li fadal, magħluqin fl-irħam, fejn seħħet il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù. Wieħed mill-ewwel isqfijiet ta' Ġerusalemm, San Makarju, jgħidilna li dan kien il-post li fih Alla mess id-dinja.

## L-Ortodossi u l-kontroll għajjur tal-qalba tal-Bażilika

Il-Griegi Ortodossi jikkonrollaw, skond dan il-ftehim ta' «Status Quo» il-qalba tal-bażilika, jiġifieri l-Edikola tal-Qabar u l-kappella tal-Golgota, fejn jiċċelebraw il-purċissjonijiet tagħhom fl-istess solennità ta' l-istil liturġiku Biżantin. Sal-lum għadhom jilbsu bil-mantelli sbieħ tad-deheb, u tal-porpra ħamra, bil-kuruni fuq rashom. Il-«kawass» liebes skond l-istil Ottoman għadu jħabbar il-wasla tal-Patrijarka, billi jsabbat il-bastun tiegħu fuq l-art, imħaffra għax qalgħet min jaf kemm il-

daqqa tal-bsaten matul is-sekli. Iċ-ċerimonji jfakkruna fl-istess ċelebrazzjonijiet li kienu jsiru fi żmien Ġustinjanu u Teodosia taħt il-koppla enormi ta' Santa Sofia f'Kostantinopli.
Kull Għid Ortodoss, il-bażilika timtela daqs bajda bl-Insara, li bosta minnhom jiġu mill-Greċja u minn Ċipru, għaċ-ċerimonja famuża tal-«fuoco sacro», l-aktar rit solenni tas-sena liturġika Ortodossa u tal-Knejjes orjentali. Jieħdu sehem f'dan ir-rit ukoll l-Armeni, li għandhom f'idejhom il-kappella ta' Sant'Elena. Fil-quċċata taċ-ċerimonja tal-«fuoco sacro», fjamma misterjuża tan-nar tinħareġ mill-Edikola tal-Qabar, mitluba «mis-sema» mill-Patrijarka Grieg Ortodoss, li jgħaddiha lill-Patrijarka Armen Ortodoss, magħluq flimkien miegħu fl-Edikola. Il-fjamma tgħaddi minn xemgħa għal oħra, sakemm il-bażilika kollha ssir ħuġġieġa waħda ta' nar, dwal u dħaħen. Rit li jqanqal ħafna emozzjoni, kulħadd jimbotta, xi kultant f'sitwazzjoni tassew perikoluża. Imma hu mument ta' importanza straordinarja għall-identità ta' l-Insara Griegi Ortodossi u Armeni.

## Il-Latini u l-kontroll «oċċidentali» fuq il-Bażilika

Ir-riti tal-Latini, jew tal-Franġiskani, li jamministraw il-bażilika f'isem il-Knisja Kattolika, huma aktar kalmi. Il-Franġiskani fil-bażilika jokkupaw il-kappella tar-Resurrezzjoni, fuq ix-xaqliba tal-lvant ta' l-Edikola



*Via Crucis*

(għalkemm għandhom ukoll drittijiet fl-Edikola), u nofs il-Kalvarju, fil-post fejn it-tradizzjoni trid li Ġesù ġie msallab. L-identità reliġjuża tal-Franġiskani ta' Ġerusalemm tidher fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' l-Għid li aħna mdorrijin fihom, imma li hawnhekk huma aktar suġġestivi. Imma fuq kollox hi l-purċissjoni tal-«Via Crucis» li kull nhar ta' Ġimgħa huma jagħmlu mat-toroq ta' Ġerusalemm, mill-kwartier Musulman għal dak Kristjan, li mbagħad tintemm fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu quddiem l-Edikola, li hi tassew suġġestiva. Id-devozzjoni li ġiet introdotta mill-Franġiskani

fis-seklu 16, hi waħda mill-aktar simboli suġġestivi tar-reliġjożità tal-Knisja tal-Punent.

## Kustodji flimkien ta' l-istess Bażilika u l-Komunitajiet iż-żgħar

Il-Griegi, Latini (Franġiskani) u Armeni huma rikonoxxuti bħala l-kustodji uffiċjali tal-Qabar ta' Kristu. Għalkemm dawn it-tliet Knejjes għandhom f'idejhom il-proprjetà tal-bażilika, imma magħhom jgħixu wkoll komunitajiet oħrajn li jamministraw l-ispazju ċkejken tagħhom fl-istess ambjent. Dawn huma s-Sirjani u l-Kopti. Mhux faċli tiskopri l-kappella tas-Sirjani f'toqba qisha grotta fuq wara nett tal-koppla ta' l-«Anástasis». Flimkien mal-kunvent ta' San Mark f'Ararat Street dan hu dak li fadal f'Ġerusalemm mill-Knisja Sirjaka, li antikament kellha importanza kbira f'Ġerusalemm matul l-ewwel sekli tal-kristjaneżimu.
Il-Kopti jokkupaw kappella qisha niċċa ċkejkna li tinsab ħajt ma' ħajt fuq in-naħa ta' wara ta' l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu. Il-Knisja Kopta hi importanti fl-Art Imqaddsa, u fl-Eġittu għandha mat-8 miljuni Insara membri tagħha.
Is-sitt komunità li tgħix fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu fil-fatt tokkupa parti mill-bjut tal-bażilika. Hi l-komunità ta' l-Abbissini jew Etjopiċi, monaċi foqra ħafna li jgħixu fi griebeġ fuq il-bejt tal-kappella ta' Sant'Elena ta' l-Armeni. L-Insara Etjopiċi jsostnu li huma dixxendenti tar-reġina ta' Saba u tar-re Salamun, għalkemm nafu li din kienet ġejja mill-Għarabja u Salamun kien Lhudi. Ilhom preżenti fl-Art Imqaddsa sa mis-seklu 4 u żammew l-identità tagħhom.

## Post li fih il-ħin waqaf darba għal dejjem

Kull filgħaxija l-bieb tqil tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu jingħalaq f'ċerimonja komplessa, li fiha jieħdu sehem is-sagristani Ortodoss, Franġiskan u Armen, flimkien mal-pulizija Iżraeljana li tgħasses il-pjazza tal-bażilika u l-purtinar Musulman li għandu d-dritt qadim ta' 8 sekli li jżomm l-imfietaħ skond il-ftehim ta' «Status Quo». Bil-lejl il-komunitajiet, fosthom il-Franġiskani, magħluqin ġewwa fil-bażilika, jqumu jitolbu fil-ħin mogħti lilhom. Filgħodu kmieni l-ftuħ mill-ġdid tal-bieb bl-istess ritwal ikkumplikat.
Il-monaċi u l-patrijiet jiffullaw kulħadd fil-ħin tiegħu biex jiċċelebraw il-liturġija fil-Qabar ta' Kristu. Hu mument maġiku, dak ta' sbiħ il-jum, li jirrepeti għal sekli bla tmiem ir-rebħa tad-dawl fuq id-dlam, u jsir ċelebrazzjoni intensa tar-rebħa tal-ħajja fuq il-mewt. L-ewwel ma jaslu, fis-siegħa u nofs ta' filgħodu, huma l-Griegi Ortodossi, li jintunaw is-salmi bl-ilħna profondi tagħhom. Imbagħad jidħlu l-Armeni. Mill-4 ta' filgħodu jibdew il-Quddies tal-Latini fl-Edikola tal-Qabar sal-ħin tas-6.30 meta ssir il-Quddiesa konventwali kantata għad-daqq ta' l-orgni kbir tal-Franġiskani u l-kant Gregorjan. Fl-istess ħin is-Sirjani jkantwaw bl-Aramajk u l-Kopti wkoll fin-niċċa tagħhom fuq wara ta' l-Edikola. Kollox hu regolat bi preċiżjoni kronometrika skond il-ftehim ta' «Status Quo». Saħansitra l-arloġġ fil-bażilika qatt ma jittieħed siegħa 'l quddiem fix-xhur tas-sajf, għax hemm l-orarju hu dejjem dak tax-xemx, naturali.
F'dan il-ħin, meta wieħed jisma' l-ilħna u l-kant jidwu fil-vojt tal-koppla kbira, u jħoss rasu ddur bih bil-fwejjaħ u d-dħaħen ta' l-inċens, f'dak id-dlam imdawwal biss b'xemgħat bla għadd, wieħed iħoss li wkoll id-diviżjonijiet bejn l-Insara, il-gwerer u l-iskomuniki tal-passat, illum jisfumaw. Dak li jibqa' hu l-ferħ li wieħed iħoss li jinsab f'post fejn jista' jduq il-ħlewwa ta' Ġerusalemm bħala belt fejn l-Insara wkoll għandhom posthom.

**Elisa Pinna**
*[«Terrasanta» 1,1 (Genn-Febb 2006) 27-34]*

# Laqgħa Internazzjonali tal-Ġnus Maqgħuda Fuq il-Kwistjoni tal-Palestina

Nhar it-3 u l-4 ta' Ġunju li għaddew, fil-Lukanda Dolmen fil-Qawra, f'Malta, il-Kumitat fuq l-Eserċizzju tad-Drittijiet Inaljenabbli tal-Poplu Palestinjan organizza l-Laqgħa Internazzjonali tal-Ġnus Magħquda fuq il-Kwestjoni tal-Palestina. It-tema tal-Laqgħa kienet: Advancing the Peace Process – Challenges facing the parties. Il-laqgħa saret biex twettaq il-mandat tal-Ġnus Magħquda biex tingħata għajnuna internazzjonali għall-proċess tal-paċi fil-Lvant Nofsani.

Għal din il-laqgħa ħa sehem P. Marcello Ghirlando OFM bħala rappreżentat tas-Santa Sede.

L-iskop ta' din il-laqgħa kien biex titqanqal aktar kuxjenza fil-komunità internazzjonali biex tinħoloq klima li tgħin in-negozjati bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani, negozjati li għandhom iwasslu għal status permanenti. Fil-fatt, il-parteċipanti f'din il-laqgħa tkellmu fuq l-impatt tal-bini tas-settlements Lhud fuq il-proċess politiku u l-bżonn taż-żewġ partijiet li jaslu għall-objettivi u l-ftehim mitlub mir-Road Map. Matul il-laqgħa ġew diskussi l-effetti tal-bini tal-ħajt li qed jinbena madwar it-territorju okkupat tal-West Bank u l-kwestjoni ta' tiftix ta' soluzzjoni permanenti għall-kwistjoni tal-Belt ta' Ġerusalemm.

Il-Laqgħa Internazzjonali ġiet miftuħa minn Dr. Tonio Borg, il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' Malta. Huwa tkellem dwar l-importanza strateġika ta' Malta u nsista li mhux se jkun hemm sigurtà fl-Ewropa jekk ma jkunx hemm sigurtà u stabilità fil-Mediterran. Malta hija favur is-soluzzjoni ta' żewġ stati (Iżrael u l-Palestina) fil-konflitt tal-Lvant Nofsani u l-bżonn li wieħed jimxi fuq l-impenji meħuda fir-Road Map.

Mr. Maxwell Gaylard, bħala rappreżentant tas-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda, qara messaġġ mibgħut mill-istess Segretarju. Fil-messaġġ is-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda analizza fil-qosor is-sitwazzjoni politika fil-Lvant Nofsani. Huwa saħaq fuq il-bżonn ta' tfittix għal paċi ġusta u permanenti.

Mr. Paul Badji, li jmexxi il-Kumitat fuq l-Eserċizzju tad-Drittijiet Inaljenabbli tal-Poplu Palestinjan qara stqarrija ta' dan l-istess Kumitat fejn intalab li tieqaf il-vjolenza u li jitkompla l-proċess tal-paċi, anke bl-għajnuna importanti ta' l-Ewropa f'dan il-proċess.

L-għodwa introduttiva għalqet b'diskors ta' Mr. Tayseer Quba'a, membru tal-Parlament ta' l-Awtorità Palestinjana, li saħaq fuq il-bżonn tal-proċess tal-paċi li jrid jiġi megġjun minn fatti konkreti.

Wara nofsinhar id-diskorsi kollha iffokaw fuq l-impenji mitluba mir-Road Map. Tkellem Dr. Guido de Marco, President Emeritus ta' Malta. Huwa tkellem fuq l-esperjenza personali tiegħu fil-proċess

tal-paċi u saħaq fuq l-importanza ta' Malta li trid tinsisti fuq proċess ta' paċi Euro-Mediterranju.

Ms. Hagit Ofran, Direttur tas-Settlement Watch Project, tal-Organizazzjoni Peace Now f'Ġerusalemm analizzat l-istorja u s-sitwazzjoni preżenti tas-settlements Lhud fit-territorju okkupat. L-espansjoni kontinwa ta' dawn is-settlements kienet u hija sinjal li r-Road Map ma kenitx se tirnexxi.

Mr. Geoffrey Aronson, Direttur ta' Riċerka u Pubblikazzjonijiet tal-Foundation for Middle East Peace, ħares lejn is-settlements bħala espressjoni ta' kontroll tal-Lhud fuq l-art. Kull proċess ta' paċi jrid iżomm quddiem għajnejh kif il-Lhud jifhmu l-ħtieġa tas-siġurtà mhux biss fl-Art Imqaddsa imma fir-reġjun kollu tal-Lvant Nofsani.

Mr. Alon Ben-Meir, Professur ta' Relazzjonijiet Internazzjonali u Studji tal-Lvant Nofsani fl-Universita' ta' New York qal li kull proċess ta' paċi li ħaqqu dan l-isem jitlob li jintemm kull att ta' vjolenza. Il-Palestinjani moderati jridu jiġu megħjuna ħafna aktar u trid tingħata aktar importanza lill-inizjattiva għall-paċi proposta mid-dinja Għarbija.

Fit-tieni jum, filgħodu, tkellem Mr. Thierry Delbreune, mill-Kunitat għall-Affarijiet Umanitarji tal-Ġnus Magħquda. Huwa tkellem fuq l-impatt u l-effetti negattivi tal-bini tal-ħajt għall-poplu Palestinjan.

Mr. Jad Isaac, Direttur Ġenerali ta' l-Applied Research Institute f' Ġerusalemm. Huwa stqarr li l-ħajt li nbena madwar il-West Bank u l-ħafna checkpoints, fil-fatt ħolqu diversi żoni ta' segregazzjoni għall-poplu Palestinjan.

L-Onorevoli Clare Short, Membru tal-Parlament Ingliż, stqarret bla tlaqliq ta' xejn li, fil-prattika, Iżrael ma jridx il-ħolqien ta' Stat Palestinjan Sovran u Indipendenti. Il-Gvernijiet Iżraeljani qatt ma għarfu fil-prattika d-drittijiet tal-Poplu Palestinjan. Jekk l-affarijiet jibqgħu kif inhuma llum, stqarret Short, għandna riċetta għal konflitt li mhux se jkollu tmiem.

Mr. Nasrat Dakwar, avukat li jaħdem ma' l-Assoċjazzjoni tad-Drittijiet Ċivili f'Iżrael tkellem ukoll fuq l-effetti negattivi tal-ħajt fil-ħajja ta' kuljum tal-Palestinjani. Huwa stqarr li l-ħajt huwa illegali fid-dawl tal-Liġi Internazzjonali.

Dan ġie ikkonfermat minn Mr. Pieter Bekker, li kien jaħdem bħala avukat mal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja u llum Lecturer-in-Law fil-Columbia Law School: il-ħajt imur kontra d-deċizjonijiet tal-Qorti Internazzjonali.

Fl-aħħar nofs ta' nhar ta' din il-Laqgħa Internazzjonali tkellem Mr. Khalil Toufakji, Direttur tad-Dipartiment tal-Mapep fl-Arab Studies Society, f' Ġerusalemm. Huwa tkellem fuq il-Belt ta' Ġerusalemm mis-sena 1967 u qal li l-ħajt mibni madwar Ġerusalemm huwa kollu frott ta' kalkolazzjoni demografika min-naħa tal-Iżraeljani.

Mr. Danny Seidemann, Avukat ma' l-Assoċjazzjoni Ir-Amin, f' Ġerusalemm tkellem dwar din il-Belt wara t-taħdidiet għall-paċi f'Annapolis u x'jista' jkun l-istatus finali wara l-proċess tal-paċi.

Mr. Hanna Siniora, li huwa responsabbli għall-pubblikazzjoni tal-Jerusalem Times u Chairman tal-Palestinian-American Chamber of Commerce, tkellem mill-esperjenza personali tiegħu u kemm Ġerusalemm inbidlet politikament minn mindu kien tifel ta' għaxar snin fl-1967. Proċess ta' paċi jista' jistħoqqlu dan l-isem jekk imiss b'mod konkret il-kwestjoni taħraq tal-Belt ta' Ġerusalemm.

Ms. Joharah Baker, Kittieba ma' Miftah, The Palestinian Initiative for Global Dialogue and Democracy, tkellmet hi ukoll mill-esperjenza tagħha bħala residenti f'Ġerusalemm; residenta li ilha tistenna l-ID card tagħha bħala tali għal għaxar snin sħaħ!

Il-Laqgħa Internazzjonali għalqet b'diversi stqarrijiet, fosthom b' dik ta' Mr. Paul Badji: huwa għalaq billi f'isem dawk kollha li ħadu sehem, wera l-urġenza kbira li jitkompla bis-serjetà il-proċess tal-paċi fil-Lvant Nofsani.

# IL-BIBBJA f'idejna

Marcello Ghirlando OFM



- Il-Ktieb ta' Hosegħa
- Il-Ktieb ta' Ġob
- L-Innijiet Kristoloġiċi fl-Ittri ta' San Pawl




# IL-KTIEB TA' HOSEGĦA

## Imħabba ttraduta

Meta naqbdu l-Ktieb tal-Profeta Hosegħa, wieħed mill-hekk imsejħa Profeti żgħar, nindunaw li dan kien l-uniku profeta kittieb li ħadem fis-Saltna ta' Fuq, jiġifieri fis-Saltna ta' Iżrael. Huwa kontemporanju ta' żewġ profeti oħra li ħadmu fis-Saltna ta' Isfel, jiġifieri fis-Saltna ta' Ġuda: Għamos u Iżaija. Lil Hosegħa, bħall-profeti l-oħra, irridu nifhmuh fl-ambjent storiku preċiż tiegħu, ambjent ta' sinkretiżmu reliġjuż u ta' firda politika u reliġjuża mill-bqija tal-Lhud li kienu jgħixu fis-Saltna ta' Ġuda. Skond il-kelma tiegħu stess Hosegħa, bin Beri ħadem fi żmien Għużżija, Ġotam, Aħaż u Ħeżekija, slaten ta' Ġuda, u fi żmien Ġerobogħam bin Ġowas (Ġerobogħam II), sultan ta' Iżrael (Hos 1, 1).

Nafu li Ġerobogħam II saltan fuq Iżrael mis-sena 783 sas-sena 743 qabel Kristu. Il-politika barranija tiegħu, quddiem it-theddia ta' l-Assirja, kienet politka li kellha twassal għall-qerda. Il-qorti rjali tiegħu kienet famuża għall-abbużi ta' poter. Fi żmien għoxrin sena, is-Saltna ta' Iżrael kellha sitt slaten li kollha laħqu wieħed wara l-ieħor wara li qatlu lil min kien fuq it-tron. Fuq is-sultan Ġerobogħam II il-profeta għandu oraklu (1, 4) li jitkellem direttament fuq it-tmiem tas-saltna tiegħu. Probabbilment dan il-Profeta ħadem bejn is-snin 750 u 725 qabel Kristu. Nafu li fis-sena 721 intemmet is-Saltna ta' Fuq bil-qerda tal-belt tas-Samarija, qerda li fuqha l-profeta ma jgħid xejn. Flimkien mal-ġrajja taż-żwieġ tal-profeta ma' Gomer, dawn huma l-ftit fatti li nistgħu ngħaqqdu flimkien biex jagħtuna ħjiel fuq min kien Hosegħa.

Hosegħa jiġi msejjaħ ixandar il-Kelma tal-Mulej f' dan iż-żmien ta' taqlib politiku kbir f'din is-saltna. Għall-profeta, dan it-taqlib kien sinjal tal-ħażen morali. Il-poplu beda jħallat it-twemmin u l-qima lejn Yaħweh ma' l-alla Bagħal: il-frott deher fit-taħlit reliġjuż u l-ħajja mmorali. Ħafna bdew iqimu 'l alla Baal, meqjus bħala l-għarus ta' l-art; it-tempji tiegħu kienu mimlijin bin-nisa mogħtija għall-prostituzzjoni sagra li bħala effett kellha ġġib il-ġid fuq l-art, il-bhejjem u l-bnedmin. Dan kien l-ambjent li l-profeta kellu madwaru. F'dan il-kuntest il-kelma tal-Mulej ġiet fuqu!

## Profeta sinjal

Huwa interessanti naqraw f'dan il-ktieb

li Alla jmexxi lil Hosegħa biex ikellem u jwassal mesaġġ qawwi lill-poplu tiegħu bl-istess ġrajjiet li kellu jgħix il-profeta. Hosegħa jieħu b'martu prostituta li kienet taħdem fit-tempji ta' Bagħal: iħobbha b' qalbu kollha u minnha kellu l-ulied li isimhom isiru messaġġ konkret għall-poplu: 'U mar u ħa b'martu lil Gomer bint Diblajm, u tqalet u wilditlu tifel. U l-Mulej qallu: Semmigħ Ġeżragħel: għaliex ftit ieħor, u jien nitħallas għad-demm ta' Ġeżragħel minn dar Ġeħu, u ntemm is-saltna ta' dar Iżrael: meta jasal il-jum inksser il-qaws ta' Iżrael fil-wied ta' Ġeżragħel. U reġgħet tqalet u wildet tifla; u l-Mulej qallu: Semmiha Lo-ruħama, għaliex miniex se naħfrilhom aktar. Imma nħobb id-dar ta' Ġuda, u nsalvahom bil-Mulej Alla tagħhom, u mhux bil-qaws, jew bis-sejf, jew bil-lanza, jew biż-żiemel,jew bir-rikkieba. U fatmet 'il dik li kien jisimha Lo-ruħama u reġgħet tqalet, u wildet tifel. U qal il-Mulej: Semmih Lo-għammi, għax intom mintomx il-poplu tiegħi u jiena miniex Alla tagħkom' (1, 3-9).

Gomer terġa' lura għall-prostituzzjoni, minkejja l-imħabba ta' Hosegħa. Imma l-profeta jħobbha u jreġġagħha lura lejh b' imħabbtu, anke jekk jitlob li hi tagħtih prova ta' fedeltà qabel ma terġa' tidħol ġo daru. Ir-rebħa aħħarija kienet ta' l-imħabba kbira li Hosegħa kellu fil-qalb tiegħu!

## Ħajja u Fidi

Il-ġrajjiet taż-żwieġ tal-Profeta Hosegħa issa jsiru xprun biex il-profeta jifhem aħjar il-fidi tiegħu f'Yaħweh u l-fidi tal-poplu tiegħu. U lill-poplu mħawwad iħabbarlu li Yaħweh huwa fil-fatt l-għarus tal-poplu, għarus li jħobb li jagħti l-ħajja lil għarustu. Huwa għarus għajjur, Hu li l-uniku għajn tal-ħajja, u tal-ħajja vera!

Imma l-poplu huwa ħati ta' tradiment għal din l-imħabba infinita! Ma obdewx lill-Mulej Alla tagħhom u kienu ħatja ta' adulterju. U għaliex kienu ħatja kellhom ibatu l-konsegwenzi tal-kastig, tal-mewt.

Hu hawnhekk li Hosegħa jħabbar




il-ġmiel tal-ħniena infinita ta' Yaħweh li jkompli jiġri wara l-poplu tiegħu! 'Għalhekk, araw, jiena se niġbidha fid-deżert u lil qalbha inkellem. Minn hemm nagħtiha lura l-għelieqi tad-dwieli li kellha, u wied Għakor ikun għaliha bieb għat-tama. Hemmhekk hi twieġeb bħal fi żmien żgħożitha, bħal fi żmien ħruġha minn art l-Eġittu. "U jiġri f'dak il-jum, oraklu tal-Mulej, li hi ssejjaħli: Żewġi; lili ma ssejjaħlix Sidi iżjed". Ineħħilha minn fommha isem il-Bagħalim u isimhom ma ssemmihx aktar. U f'dak il-jum nagħmel patt għalihom mal-bhejjem tar-raba' u mat-tjur ta' l-ajru ma' l-annimali li jitkaxkru ma' l-art, u nkisser minn fuq l-art il-qaws, ix-xabla, il-gwerra; kulħadd jorqod moħħu mistrieħ. Għal dejjem ngħarrsek miegħi, ngħarrsek miegħi fis-sewwa u fil-ħaqq, fl-imħabba u l-ħniena, b'rabta fidili jiena ngħarrsek miegħi, u int tagħraf il-Mulej. F'dak il-jum,

**Għar-riflessjoni:**
Hosegħa 1, 3-9
Hosegħa 3, 1-5
Hosegħa 5, 1-14
Hosegħa 14, 2-10

**Itlob b'dawn is-siltiet:**
Hosegħa 2, 16-25
Hosegħa 11, 1-4

oraklu tal-Mulej, is-smewwiet ikollhom tweġiba mingħandi, u l-art ikollha tweġiba minn għandhom. U niżirgħu għalija fl-art, u nħobb lil Lo-ruħama, u lil Lo-għammi ngħidlu: Inti l-poplu tiegħi u hu jgħidli: Alla tiegħi' (2, 16-25).

Alla, fil-ħniena u l-imħabba kbira tiegħu, isejjaħ mill-ġdid lill-poplu infidil, u jitlob minnu mħabba u ubbidjenza mġedda. Tabilħaqq, kif jiktbu l-istudjużi, minħabba din l-insistenza fuq l-imħabba divina u umana, il-Profeta Hosegħa jista' tassew jitqies bħala l-evanġelista ta' l-Antik Testment!

## Il-Ktieb

Il-Ktieb, kif jidher ċar, huwa magħmul minn ġabra ta' orakli li l-istess Profeta lissen lill-poplu tiegħu u li magħhom żdiedu xi riflessjonijiet li saru fuq l-istess kliem tal-profeta. Il-ktieb huwa miktub bi stil koerenti u x'aktarx l-aħħar redazzjoni saret fis-Saltna ta' Ġuda.

Quddiem dan kollu nistgħu ngħidu li f'dan il-ktieb għandna espressjoni ġenwina ta' l-esperjenza ħajja umana u reliġjuża ta' Hosegħa, bin Beri, esperjenza li saret kelma ħajja ta' predikazzjoni u xhieda mill-isbaħ ta' l-imħabba ta' Yaħweh għall-poplu għażiż tiegħu: 'Bi ħbula ta' bnedmin jien ġbidthom, b'rabtiet ta' mħabba; u kont għalihom bħal min jerfa' tarbija ma' ħaddejh, u lejha mmil nitmagħha' (11, 4). Huwa ktieb, kelma, li ssir karba mqanqla biex il-poplu jdur lejn din l-imħabba b'qalbu kollha: 'Erġa' dur, Iżrael, lejn il-Mulej Alla tiegħek, għax int tfixkilt minħabba fi ħżunitek. Ħudu kliem magħkom, duru mill-ġdid lejn il-Mulej, u għidulu: Int tneħħi l-ħażen kollu: ilqa' t-tajjeb, u nroddu frott xofftejna' (14, 2-4).

'Kull min hu għaref, jifhem dawn il-ħwejjeġ; ħa jagħrafhom kull min hu bil-għaqal, għax il-Mulej it-triqat tiegħu dritti, il-ġusti jimxu fihom, iżda jitfixklu fihom il-midinbin' (14, 10).



*Għal aktar tagħrif:* SCHEMBRI G., Kors Ġdid fuq il-Bibbja, Tagħrif dwar il-Kotba Mqaddsa, Ed. Tau 2003, 63-64;

SPITERI D., Il-Ktieb tal-Profeta Hosegħa, Enċiklopedija Biblika, Media Centre 2003, 228-230.

Punti għad-diskussjoni:

1. Il-kuntst storiku tal-profeta jixbaħ xi ftit lil tana llum?
2. Kemm tidher il-fedelta' ta' Alla lejn il-poplu f'dan il-Ktieb?
3. X'taħseb fuq il-fatt li ħajjet Hosegħa ssir parabbola ħajja?
4. Kif tidher il-ħniena ta' Alla f'dal-Ktieb...u llum?



# IL-KTIEB TA’ ĠOB

## Għaliex it-tbatija?

Bil-Malti ngħidu ‘għandu paċenzja ta’ Ġob!’ Imma meta niftħu dan il-Ktieb ta’ Ġob fl-Iskrittura Mqaddsa, malajr nindunaw li l-paċenzja li kellu Ġob malajr jitlifha u kważi jitlef sabru kollu quddiem il-misteru tat-tbatija fil-ħajja tiegħu u fil-ħajja tal-bnedmin!

Hemm silta sabiħa fil-Ktieb tal-Profeta Ġeremija li naħseb li nistgħu nużawha biex niġbru fil-qosor il-ħsieb kollu tal-Ktieb ta’ Ġob. ‘Ikollok raġun int, Mulej, meta niddiskuti miegħek; imma rrid inħaqqaqha miegħek: Għaliex il-ħżiena jgawdu r-riżq, u l-ħatjin kollha jgħixu fis-sliem? Tħawwilhom u jnizżlu l-għeruq, jikbru u jagħmlu l-frott. Int qrib fuq fommhom, imma ’l bogħod minn qalbhom. Int, Mulej, tafni u tarani, u tiflili qalbi’ (Ġer 12, 1-3). Fil-fatt, fil-Ktieb ta’ Ġob, l-awtur sagru jipprova jaffronta l-problema tal-ħażen, problema li tidher aktar ċara fil-ħajja tal-bnedmin ġusti li jkollhom ibatu. Ġob, bniedem ġust, xorta kellu jaffronta t-tbatija filwaqt li min deher li kien ħażin baqa’ għaddej, xortih tajba. Quddiem dan kollu ma jistax jonqos li l-awtur sagru mhux biss isaqsi għaliex il-bniedem ġust ikollu jbati, x’inhu s-sens tat-tbatija u l-mard, imma jsaqsi wkoll x’inhu s-sens u fejn tidher il-ġustizzja u l-providenza ta’ Alla.

## Ġob il-ġust

Biex jaffronta dawn il-problemi l-awtur sagru jagħtina dan il-Ktieb ta’ Ġob li, biex nifhmuh aħjar, nistgħu naqsmuh fi tliet partijiet prinċipali

Fl-ewwel żewġ kapitli nsibu dak li ngħidulu l-Prologu: fih jiġi ppreżentat Ġob, qaddej ta’ Alla li kien jgħix fl-abbundanza. Alla jippermetti lil Satana jgħaddi lil Ġob minn żewġ provi kbar. L-ewwel jolqtu f’uliedu u f’dak kollu li kellu u jispiċċa jitlef kollox; wara jolqtu f’ġismu stess b’marda kiefra. Minkejja li l-mara ta’ Ġob iċċanfru u xtaqet iġġiegħlu jisħet lil Alla, Ġob jilqa’ kollox bis-sabar: ‘Għeri ħriġt minn ġuf ommi, għeri nerġa’ mmur hemm. Il-Mulej tani, il-Mulej ħadli: ikun imbierek isem il-Mulej. F’dan kollu Ġob ma dinibx u ma qalx dagħwa kontra Alla…Nilqgħu t-tajjeb mingħand Alla u l-ħażin ma nilqgħuhx?’ (Ġob 1, 21-22; 2, 10).

Mal-bidu tal-parti prinċipali tal-Ktieb (3, 1 – 42, 6) Ġob jikser is-silenzju tiegħu u jokrob minn qalbu. Jisħet xortih u l-jum li fih twieled! Il-ħbieb li ġew jarawh, Elifaż, Bildad u Sofar, jeħduha miegħu u jesponu huma x’kienu jaħsbu fuq is-sitwazzjoni tiegħu. Għal dan kollu Ġob iwieġeb, kif wieġeb ukoll

wara t-tieni u t-tielet serje ta' esposizzjonijiet li jagħmlulu dawn l-istess ħbieb.

Fil-kapitlu 28 insibu innu sabiħ immens lill-kobor ta' l-għerf, għerf li l-bniedem qatt ma jista' jasal għalih. L-innu jagħlaq bl-istqarrija li għal dan it-tip ta' għerf Alla biss jista' jasal: u hu fil-qima u l-ubbidjenza lejn Alla li l-bniedem jista' jasal għall-għerf veru.

Fil-kapitli 29-31 Ġob jiġi ppreżentat jitkellem waħdu: idur minn qiegħ qalbu lejn Alla biex ikollu tweġiba għall-mistoqsijiet tiegħu, mistoqsijiet imlaqqmin fl-esperjenza kiefra u konkreta tat-tbatija. Alla ma jitkellimx imma jagħti tweġiba lil Ġob permezz ta' personaġġ ieħor li jidħol fuq ix-xena tad-dramm tagħna: Eliħu (kapitli 32-37) jagħmel erba' diskorsi li bihom jeħodha kontra t-tlett iħbieb ta' Ġob u kontra l-istess atteġġjament tiegħu. B' dawn id-diskorsi jipprova jagħti raġun lill-aġir ta' Alla.

Fil-kapitli 38-41 Alla jrendi ruħu preżenti fil-ħajja ta' Ġob fit-tempesta: ifakkru fil-kobor tiegħu u jsaqsih min hu l-bniedem li jista' jeħodha kontra Alla? Alla juri lil Ġob il-meravilji kollha tal-ħolqien. Quddiem il-kobor immens ta' Alla u tal-opri ta' idejH Ġob ibaxxi rasu: 'Ġob wieġeb lill-Mulej u qallu: Jien naf li int tista' kollox, u ebda ħsieb minn tiegħek ma jfixkluh. Int għedt, Min hu dan li jrid joskura fehemti bla ma jifhem? U tassew jien tkellimt fuq ħwejjeġ li ma nifhimhomx, ħwejjeġ kbar wisq għalija, ma nafhomx. Int għedt ismagħni, u jien nitkellem; nistaqsik, u int għallimni. Fuqek kien b'widnejja smajt; Għalhekk inċedi u nindem fit-trab u r-rmied' (Ġob 42, 1-6).



Fl-Epilogu, 42, 7-17, Alla jeħodha kontra dak li qalu l-ħbieb ta' Ġob u jfaħħar il-qaddej tiegħu Ġob. Lilu jerġa' jagħti wlied u ġid ikbar milli kellu.

## Tfittxija għal sens

Irridu nżommu quddiem għajnejna li dan ir-rakkont antik irridu nifhmuh fix-xewqa tal-bniedem, anke dak tal-Bibbja, li jfittex sens għat-tbatija, hi x'inhi din it-tbatija. U dan specjalment għal bniedem ġust li jbati.

Irridu inzommu quddiemna li l-problema tat-tbatija fil-Ktieb ta' Ġob hija marbuta ma' problema oħra: dik tar-retribuzzjoni, jiġifieri it-twemmin li Alla jippremja l-ġusti u jikkastiga l-ħżiena f'din l-art – u jekk wieħed iżomm dan it-twemmin, allura għaliex il-ġust ibati f'din il-ħajja u l-ħażin qisu dejjem igawdi? Kien twemmin żbaljat, sorpassat? X'sens allura kellha t-tbatija?

Fil-Ktieb ta' Ġob, il-ħbieb li jiġu għandu jddefendu t-twemmin tradizzjonali: jekk Ġob kien qed ibati dan ifisser li hu kien dineb u anke jekk ħaseb li kien ġust, f'għajnejn Alla ma kienx. Huma jinsistu li t-tbatija hija dejjem kastig, frott id-dnub. Elifaż fil-

**Għar-riflessjoni:**
Ġob 16, 1-21
Ġob 22, 1-30
Ġob 34, 1-37
Ġob 40, 4-32

**Itlob b'dawn is-siltiet:**
Ġob 19, 1-5
Ġob 28, 1-28

fatt jinsisti li d-dnub dejjem iġib il-kastig, Alla dejjem isib id-dnub fil-bnedmin, allura anke f'Ġob, u t-tbatija hija wkoll mezz ta' korrezzjoni. Bildad jiddefendi l-mod kif iġib ruħu Alla u ma jiddubitax fil-mod kif Alla jġib ruħu mal-bnedmin. Sofar huwa aktar arroganti u pessimista u jibbaża l-argumenti tiegħu biss fuq dak li kien jaħseb hu.

Quddiem dan kollu nafu li Ġob jiddefendi ruħu u jistqarr li hu innoċenti u xorta kien qed ibati. Ġob iħoss li Alla kien qed jeħodha miegħu...u f'dan kollu Ġob iħoss li Alla huwa ħieles jagħmel dak li jrid fil-għerf tiegħu, anke jekk jikkastiga l-innoċenti u jbierek il-ħażin! Il-bniedem jibqagħlu biss li jibqa' jżomm il-ħarsa tiegħu fuq Alla. Alla ma tasalx tifhmu bir-raġunament uman! U wara li Ġob jifhem li ma jistax jara ċar f'dak kollu li kien qed jipprova jifhem, jagħmel att ta' fidi u jistqarr: 'Jien naf li d-Difensur tiegħi ħaj, u fl-aħħar fuq it-trab iqum, u wara li jintemm ġildi, għoddni bla laħam, nara 'l Alla. Lilu narah b'ħabib tiegħi, Dak li jilmħu għajnejja ma jkunlix barrani!' (Ġob 19, 25-27).

Fid-diskorsi ta' Eliħu, l-awtur sagru jipprova jippreżenta l-valur edukattiv u dixxiplinari tat-tbatija. Għalih Alla jmexxi u jgħallem il-bniedem bit-tbatija. Jekk jidher li Alla ma jweġibx għall-krib ta' min qed ibati, dan iseħħ biss għax ma jsejħulux bħala Ħallieq u Mulej. Alla jsalva lil dawk li jindmu. Ġob kellu jeħles mid-dwejjaq tiegħu imma kellu joqgħod attent li ma jerħax jaqa' fid-dnub.

Fil-manifestazzjoni divina, Alla ma jagħtix it-tweġiba li Ġob u sħabu kienu qed jistennew b'mod ċar! U dan għaliex Alla mhuwiex bniedem. Alla jagħti raġun lil Ġob għax hu biss kien fehem xi ftit il-



kobor immens tiegħU. U hu dan il-kobor li Alla juri lil Ġob meta jdawwarlu ħarstu fuq il-ħolqien. Il-għerf ta' Alla huwa dak li fih jitlaqqam l-ordni kollu tal-ħolqien. Mhuwiex dan l-istess għerf li għad iridu jagħtu tweġiba għall-mistoqsijiet eżistenzjali li l-bniedem jagħmel quddiem il-misteru tat-tbatija?

Dawn il-mistoqsijiet, fil-fatt, kellhom jerġgħu jqumu fil-Ktieb ta' Danjel (12, 1-3), fit-Tieni Ktieb tal-Makkabin (7, 9-11) u fil-Ktieb ta' l-Għerf (Għerf 1-5), sakemm isibu t-tweġiba definittiva ta' Alla fil-valur salvifiku tat-tbatija ta' l-Imsallab, Kristu l-Feddej tal-bnedmin kollha.


*Għal aktar tagħrif:* ABELA A., *Il-Ktieb ta' Ġob, Enċiklopedija Biblika,* Media Centre 2003, 156-164;

SCHEMBRI G., *Kors Ġdid fuq il-Bibbja, Tagħrif dwar il-Kotba Mqaddsa,* Ed. Tau 2003, 80-81.


Punti għad-diskussjoni:

1. Danjel: eżempju ta' kuraġġ u fedelta – Veru dan?
2. Kemm tidher il-fedelta' ta' Alla lejn il-poplu f'dan il-Ktieb?
3. Letteratura apokalittika: xi tfisser għalik?
4. X'inhu r-rwol ta' l-imperi l-kbar li jissemmew f'dan il-ktieb?




## L-Innijiet Kristoloġiċi fl-Ittri ta' San Pawl

Fil-liturġija tal-Knisja nsibu diversi innijiet li jittieħdu mill-Kotba tal-Ġdid Testment. Per eżempju wieħed jista' isemmi il-Magnificat ta' Marija (Lq 1, 46-55) il-Benedictus Ta' Żakkarija (Lq 1, 68-79), in-Nunc Dimittis ta' Xmun (Lq 2, 29-32). Anke l-Prologu tal-Vanġelu ta' San Ġwann huwa innu lil Kristu (Ġw1, 1-18), bħalma huma wkoll diversi innijiet li nsibu fil-Ktieb ta' l-Apokalissi ta' San Ġwann. Innijiet oħra nsibuhom fl-Ittra lil-Lhud 1, 3-4 u fl-I Ittra ta' Pietru 2, 21-25 u 3, 18-20.

Imma naħseb li huwa fl-Ittri ta' San Pawl fejn l-aktar li nsibu innijiet li huma kollha kemm huma ċċentrati fuq il-qima lejn Kristu. L-innijiet ta' Pawlu nsibuhom f'Fil 2, 6-11, Kol 1, 15-20, Ef 1, 3-14, 2, 14-18 u 5, 14 u I Tim 3, 16. Dawn l-innijiet kollha tnisslu fix-xewqa ta' l-ewwel komunitajiet insara biex iqimu lil Kristu għal dak kollu li huwa għamel fil-pjan tas-salvazzjoni, frott l-inizjattiva ta' Alla l-Missier. Kull innu huwa fil-fatt ċelebrazzjoni ekklezjali ħajja ta' fidwa mgħixha fil-Mulej li miet u qam minn bejn l-imwiet u li huwa dejjem ħaj u preżenti fil-poplu tiegħu.

Dawn l-innijiet jidher li huma frott it-tħeġġiġa mqanqla ta' Pawlu li nsibu f'Ef 5, 19-20: Kantaw flimkien salmi, innijiet u għana spiritwali; kantaw u għannu minn qalbkom lill-Mulej. Roddu dejjem ħajr għal kollox lil Alla u l-Missier, f'isem Sidna Ġesu' Kristu. Tħeġġiġa oħra nsibuha f' Kol 3, 16: Ħalli l-kelma ta' Kristu tgħammar sħiħa fikom; għallmu bil-għerf kollu u widdbu lil xulxin b'salmi u innijiet u b'għana spiritwali, u b'radd il-ħajr kantaw f'qalbkom innijiet lil Alla.

Fid-dawl ta' dawn l-eżortazzjonijiet jidher li Pawlu kien iħeġġeġ lill-insara biex, imqanqlin mill-Ispirtu s-Santu, jgħannu l-fidwa li tingħatalhom mill-Missier permezz ta' Sidna Ġesu' Kristu. Hija għanja tal-qalb nisranija, imqaddsa u mifdija, li mfawwra bil-gratitudni mbagħad issir ħajja: Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesu', u roddu ħajr lil Alla l-Missier permezz tiegħu (Kol 3, 17).

### Knisja li titlob mill-qalb

L-innijiet Kristoloġiċi tal-Ġdid Testment twieldu fi ħdan il-komunità nisranija li kienet tingabar titlob. Komunità li kienet tingabar tiċċelebra l-liturġija fis-smigħ tal-Kelma ta' Alla. Hija Kelma li tirrakkonta l-għemejjel kbar ta' Alla li seħħew fil-fidwa mwettqa minn Ġesu' Kristu. Imqanqlin mill-Ispirtu l-ewwel insara kienu jwieġbu bil-fidi u bil-kant għal dan is-smigħ. Fidi u kant li mbagħad kienu jsiru ħajja.

Hawnhekk irridu niftakru li l-ewwel insara kienu jiċċelebraw l-liturġija fuq il-mudell tal-liturġija fil-Ġudajiżmu, liturġija

li kienet tinkludi fiha s-smigħ tal-kelma ta' Alla, l-omelija, iċ-ċelebrazzjoni ta' l-għemejjel salvifiċi ta' Alla bil-kant tas-salmi u innijiet oħra. Eku ta' dan it-tip ta' liturġija nsibuhom f'Lq 4, 14-30 u Atti 13, 15-43. Ovvjament il-liturġija nisranija għandha karatteristika fondamentali differenti. Dan għaliex hija hux biss smigħ tal-Kelma u ċelebrazzjoni, imma hija wkoll it-tifkira ta' l-Għid tal-Mulej, jiġifieri ċ-ċelebrazzjoni fil-preżent ta' dak kollu li Alla wettaq għall-bniedem bil-mewt u l-qawmien tal-Mulej Ġesu'. Hija t-tifkira ta' l-ikla tal-Mulej, ikla li saret is-sinjal ta' l-għotja tal-Mulej fuq is-Salib.

Dan kollu ngħiduh biex nuru li l-innijiet li nsibu fil-Ġdid Testment huma mlaqqma fit-tradizzjoni ħajja u sħiħa ta' l-Antik Testment. Antik Testment li jsib il-milja u s-sens tiegħu fil-ġrajja tal-fidwa tal-Mulej. Huma innijiet allura li jgħannu l-misteru ta' Kristu, mill-pre-eżistenza tiegħu, il-misteru ta' l-inkarnazzjoni u l-ġrajja kollha tal-fidwa li twassal għall-eżaltazzjoni tiegħu min-naħa ta' Alla l-Missier.

Ħafna studjużi jżommu li l-innijiet Kristoloġiċi li nsibu fl-Ittri ta' San Pawl ġew komposti qabel u l-appostlu jinqeda bihom u jdaħħalhom fl-ittri tiegħu. Iżda din l-istqarrija llum forsi mhijiex daqshekk eżatta. Il-komunità nisranija bikrija, ta' bejn is-snin 30 u 50 w.K. jidher li kellha liturġija imposta aktar fuq il-Ġudajiżmu, ovvjament bil-karatteristika nisranija. Ta' dan nsibu ħjiel li nistgħu ngħaqqdu flimkien fil-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli: il-komunita' nisranija kienet titlob bis-salmi (4, 23-31); kienu jitolbu 'l Alla għal dak kollu li kien għamel permezz tal-qaddej qaddis tiegħu Ġesu' (16,25); it-talb kien iċ-ċentru tal-ħajja ta' kuljum tal-komunità nisranija, għajn tal-qawwa missjunarja tagħha (1, 14; 2, 42-48); il-komunitajiet insara kollha kienu jitolbu, kemm dik ta' Ġerusalemm u kemm dik ta' Antijokja (13, 2-3), dik tas-Samarija (8, 14-17) u kemm dik ta' Ċesarija (10, 24-48) u Korintu (14, 26). Imma jidher li l-komunitajiet ta' San Pawl kienu qed ifittxu l-mod tagħhom kif jitolbu (ara: 1, Kor 11-14; Ef 5, 19 u Kol 3, 16). Jidher li kien f'dawn il-komunitajiet li ssawru l-innijiet Kristoloġiċi li nsibu fl-Ittri Pawlini, komunitajiet li, aktar mill-Knisja-Omm ta' Ġerusalem u l-Knejjes tal-Lhudija, kienu jafu sewwa lill-Appostlu tal-ġnus. Kienu dawn il-komunitajiet li fihom issawru l-innijiet li bħala sfond, aktar mill-Antik Testment in ġenerali kellhom it-tradizzjoni sapjenzjali biblika-ellenistika li ssib l-għeruq tagħha fil-verzjoni Griega tal-Bibbja (Septuaġinta – LXX, il-verżjoni wżata fil-komunitajiet ta' l-insara ta' nisel pagan). Fid-dawl ta' din it-tradizzjoni speċifika, per eżempju, il-komunita' ta' Antijokja qrat u tat interpretazzjoni ġdida lit-titli Kristoloġiċi li twieldu fil-Knisja ta' Ġerusalemm, titli bħalma kienu Kristu, Mulej, Bin Alla. U din l-interpretazzjoni ġdida ma kenitx biss frott ir-riflessjoni u t-talb ta' din il-komunità, jew il-komunitajiet l-oħra li waqqaf Pawlu, imma kienet ukoll frott il-predikazzjoni ta' Pawlu. Mela, l-innijiet tat-tradizzjoni Pawlina, kif nistgħu insejħulha tabilħaqq,





twieldu f'dawn il-komunitajiet li waqqaf jew ħadem fihom hu. Huma innijiet li jistgħu jitqiesu bħala mlaqqmin fir-riflessjoni, fil-predikazzjoni u fil-ħidma evanġelizzatriċi u kateketika ta' San Pawl. Huma innijiet li jitlaqqmu bis-sħiħ fit-teoloġija Pawlina. Hu biss fil-komunitajiet tat-tradizzjoni Pawlina li nsibu dawn it-tipi ta' innijiet Kristoloġiċi mibnija fuq it-tradizzjoni profetika ta' Iż 52,13 – 53,12 u fuq dik biblika-sapjenzjali tat-testi meħuda mill-Ktieb tal-Proverbji, tal-Għerf u ta' Bin Sirak.

## Il-forma letterarja ta' l-innijiet

L-innijiet Kristoloġiċi huma msawra minn dik li tissejjaħ proża ritmata. Huma innijiet li Pawlu jlaqqam fl-eżortazzjonijiet tiegħu u fit-tagħlim li huwa jgħaddi lill-qarrejja tiegħu fl-Ittri tiegħu.

Il-proża ritmata ta' dawn l-innijiet hija kkulurita bir-ritmu u dawk li jissejħu paralleliżmi (1 Tim 3, 16; Kol 1, 15-17) u paralleliżmi antitetiċi. L-innijiet mbagħad għandhom diversi forom letterarji: Ef 1, 3-14 jinkiteb taħt forma ta' talba ta' barka li ssir lil Alla l-Missier ta' Sidna Ġesu' Kristu; Fil 2, 6-11 hija riflessjoni teoloġika fuq l-umiltà ta' Kristu bbażata fuq l-iskema umiljazzjoni/eżaltazzjoni li nsibu fl-Għanjiet tal-Qaddej Sofferenti ta' Yaħweh fil-Ktieb ta' Iżaija; Kol 1, 15-20 u Ef 2, 14-18 huma għanja lil Kristu għal dawk li wettaq fil-pjan tal-fidwa.

Huwa interessanti ninnotaw kif Pawlu jqiegħed dawn l-innijiet fil-kwadru aktar wiesa' ta' l-ittri tiegħu: l-innu ta' Ef 1, 3-14 iqiegħdu fil-bidu ta' l-ittra u jsir ukoll ftuħ solenni u impostazzjoni teoloġika tagħha; Fil 2, 6-11 jitqiegħed fil-kwadru ta' l-eżortazzjonijiet li nsibu f'Fil 1, 27-2, 18 u jsir il-bażi ta' l-ittra kollha – biex Kristu jsir l-eżempju tan-nisrani f'dak kollu li jagħmel; Kol 1, 15-20 u Ef 2, 14-18 huma mqiegħda mat-tagħlim duttrinali.

Hu x'inhu l-kwadru li fihom huma mqiegħda dawn l-innijiet, ilkoll jgħannu lil Kristu u jippreżentaw ir-rwol tiegħu fil-ħolqien u fil-fidwa, il-pre-eżistenza tiegħu, l-inkarnazzjoni u l-eżaltazzjoni tiegħu, l-irwol tiegħu bħala dak li ġab is-sliem fl-univers u fil-Knisja; huwa Hu li jwassal għall-ħolqien ġdid u l-bniedem il-ġdid. Din il-Kristoloġija titlaqqam fit-Teoloġija, fis-sens li l-innijiet lil Kristu jsiru għall-glorja ta' Alla l-Missier, li miegħU Kristu ħabbibna u li permezz tiegħu l-Missier daħħalna fis-saltna tad-dawl.

*Għal aktar tagħrif:*

BUSCEMI A.M., *Gli Inni di Paolo, Una Sinfonia a Cristo Signore*, Jerusalem 2000; KARRIS R.J., A Symphony of New Testament Hyms, Minnesota 1996.




# L-Ittra ta'
# San Pawl lir-Rumani

**Kors ġdid**
**mill-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa**
**mmexxi minn**
**P. Marcello Ghirlando OFM**

**mis-16 ta' Ottubru sas 27 ta' Novembru**




*Ktieb ġdid mill-Edizzjoni TAU u l-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa*
*ta'*
***P. Marcello Ghirlando, OFM***
*Introduzzjonijiet għal kull ktieb tal-Bibbja u iżjed.*
*Prezz €10 u jinkiseb mill-ħwienet tal-kotba ewlenin*
*jew ċempel 21242254, 21251131*